MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 2272/1997/1

**Maria Dolores sive Doreen Colombo f'isimha proprio u bhala kuratrici *ad litem* ta' uliedha minuri Abigail, Christopher u Rodney ahwa Colombo.**

**vs**

**Christopher Colombo.**

**Il-Qorti;**

## I. <u>PRELIMINARI.</u>

Rat ic-citazzjoni attrici datata 6 ta' Ottubru 1997 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-partijiet izzewgu fl-14 ta' Awissu, 1991 u ghandhom tlett itfal, Abigail, ta' hames snin, Christopher, ta' tlett snin u Rodney ta' sena;

Illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet ma hiex aktar possibbli, tort tal-konvenut, kif jigi ippruvat fil-kawza, u l-attrici giet awtorizzata mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, biex tipprocedi ghas-separazzjoni personali (Ara Dok. “A”);

Illi ghalhekk, l-istess attrici talbet lill-Qorti sabiex:-

a. Tiddikjara li l-hajja konjugali bejn il-partijiet ma hiex aktar possibbli tort tal-konvenut;

b. Tawtorizza lill-attrici tghix separata mill-konvenut tilliberaha mill-obbligi konjugali kollha skond il-ligi favur il-konvenut u tiddikjara li l-konvenut iddekada mid-drittijiet konjugali kollha skond il-ligi fir-rigward ta’ l-attrici;

c. Tillikwida l-komunjoni ta’ l-akkwisti bejn il-partijiet u l-beni parafernali ta’ kull parti, u tiddividi ugwalment il-komunjoni ta’ l-akkwisti, u tassenja porzjon lil kull parti, flimkien mal-beni parafernali rispettivi taghha;

d. Takkorda l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri Abigail, Christopher u Rodney, ahwa Colombo, lill-attrici;

e. Tikkundanna lill-konvenut ihallas retta alimentari iffissata mill-Qorti lill-attrici, u lill-kull wiehed u wahda mill-imsemmija tfal minuri; u

f. Tawtorizza lill-attrici tkompli tabita fid-dar konjugali, numru 82, Triq Herba, Birkirkara, u tiddikjara lill-konvenut ma ghandux dritt jabita fl-imsemmija dar.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-proceduri tas-Sekond’ Awla, kontra l-konvenut, ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 *et seq*. tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti esebiti a fol. 4 tal-process;

Rat id-digriet taghha, fejn il-Qorti appuntat il-kawza ghas-smigh ghal nhar il-25 ta’ Frar, 1999 fl-10.30a.m.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut ipprezentata fit-28 ta’ Dicembru 1998 a fol. 12 *et seq.* tal-process fejn gie eccepit:

1. Illi *in linea* preliminari n-nullita’ ta’ l-avviz ghas-smiegh tal-kawza odjerna peress li l-Awla hija ndikata bhala “X”, meta l-ebda Awla “X” ma tezisti fil-Qrati Superjuri, u ghalhekk a bazi ta’ sentenza moghtija ricentement mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, tali avviz huwa null u ghandu jerga jigi notifikat mill-gdid lil konvenut wara li jkun indikat fih l-Awla preciza li fih sejra tinstemgha din il-kawza odjerna.

2. Illi huwa minnu li l-hajja konjugali bejn il-partijiet ma hijiex aktar possibbli kif indikat fit-tieni premessa attrici pero` dana bl-ebda mod ma hu tort tal-konvenut imma esklussivament tort ta’ l-attrici kif jigi pruvat fil-kawza, u anke kif il-konvenut jelabora aktar fil-KONTRO-TALBA tieghu ma’ din l-istess nota ta’ l-eccezzjonijiet f’din il-kawza odjerna billi anke l-istess konvenut gie awtorizzat mis-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili biex jipprocedi ghas-separazzjoni personali.

3. Illi l-konvenut jaqbel li din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddikjara li l-hajja konjugali bejn il-partijiet m’ghadhiex aktar possibbli imma tort unikament ta’ l-attrici minhabba id-deportament xejn civilizzat u nstabbli taghha u li m’gharfitx tonora l-obbligi konjugali taghha a bazi tal-ligijiet ta’ Malta;

4. Illi l-konvenut jaqbel mat-tieni talba attrici biss ma jaqbilx li huwa ghandu jiddekadi mid-drittijiet konjugali kollha skond il-ligi peress illi huwa sejjer jitlob li ghandha tkun l-attrici li tiddekadi mid-drittijiet konjugali kolla skond il-ligi fir-rigward tal-konvenut;

5. Illi l-konvenut jaqbel li ghandha tigi likwidata l-komunjoni ta’ l-akkwisti bejn il-partijiet u l-beni parafernali ta’ kull parti, biss ma jaqbilx li l-komunjoni ghandha tigi diviza ugwalment meta kien huwa li dejjem hadem biex akkwista ghall-familja tieghu u kienet l-attrici li dejjem fixklet li din il-hajja konjugali ma tirnexxiex, u dan anke

minghajr pregudizzju ghal dak sollevat fl-eccezzjoni precedenti a bazi ta’ **artikolu 48 u artikoli ohra tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;**

6. Illi l-konvenut ma jaqbilx mar-raba` talba attrici billi ghandu jkun huwa li lilu tigi akkordata l-kura u l-kustodja tat-tlett itfal minuri tieghu Abigail, Christopher u Rodney ahwa Colombo, billi l-attrici ripetutivament uriet li lit-tfal tuzahom sempliciment ghal pika, ma tiehux hsiebhom sewwa, u tista tkun vjolenti u anke perikoluza fir-rigward tal-minuri li allura jaghmilha fl-interess suprem ta’ l-istess minuri li l-kura u l-kustodja taghhom tigi fdata f’idejn il-konvenut;

7. Illi l-konvenut m’ghandux jigi kkundannat ihallas lill-attrici ebda retta alimentari ghaliha personali, billi hija kapaci li tohrog tahdem u hekk ghandha taghmel a bazi tal-principju ta’ l-ugwaljanza bejn is-sessi, u minghajr ebda diskriminazzjoni pozittiva favur l-attrici, l-attrici filwaqt li jinqala` l-obbligu li jekk ikun hemm bzonn ghandha tmantni lill-istess konvenut, hija m’ghandha jkollha l-ebda dritt awtomatiku li tiehu ebda forma ta’ manteniment meta hija kapaci li tmur tahdem u ghandha effettivament tmur tahdem;

8. Illi l-attrici ghandha tigi ordnata biex tallonta ruhha mid-dar konjugali f’numru 82, Triq il-Herba gewwa Birkirkara, u tiddikjara li l-attrici m’ghandhiex dritt tibqa tabita fl-imsemmija dar u dan minhabba n-natura vjolenti ta’ l-istess attrici u anke l-interess suprem tat-tfal minuri ulied il-konvenut.

9. Illi fic-cirkostanzi l-konvenut m’ghandu jbati ebda forma ta’ spejjez u tali spejjez ghandhom jigu kollha sopportati mill-istess attrici kif jigi aktar zvelat fil-mori ta’ din il-kawza u b’mod partikolari fil-kontro-talba tal-konvenut ma din in-nota ta’ l-eccezzjonijiet f’din il-kawza odjerna.

10. Salvi eccezzjonijiet ohra ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol. 15 *et seq.* tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda a fol 17 tal-process;

Rat il-**kontro-talba** tal-konvenut a fol. 18 *et seq*. tal-process fejn ippremetta:

Illi l-konvenut Chrstopher Colombo jirreferi ghac-citazzjoni odjerna u b’mod partikolari ghat-talbiet attrici li dwarhom huwa gja ssolleva l-eccezzjonijiet tieghu, fosthom l-eccezzjoni preliminari dwar in-nullita ta’ l-avviz ghar-ragunijiet moghtija fin-nota ta’ l-eccezzjonijiet, apparti mir-rizerva tal-possibilita` ta’ eccezzjonijiet ulterjuri.

Illi a bazi ta’ l-**artikolu 37, sub-artikolu (1) tas-sub titolu (3) tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta,** il-konvenut inghata is-setgha mill-Qorti ta’ Gurisdizzjoni Volontarja li jkun jista jipprocedi wkoll ghall-kawza tal-firda quddiem il-Qorti ta’ Gurisdizzjoni Kontenzjuza, apparti mill-kontenut tas-sub-artikolu (3) ta’ l-**artikolu 37 ta’ l-istess Kapitolu 16**;

Illi nhar l-Erbgha, erba’ u ghoxrin (24) ta’ Gunju, tas-sena elf disa’ mija tmienja u disghin (1998) fl-ghaxra ta’ filghodu (10.00a.m.), il-konvenut li llum ghandu wiehed u tletin (31) sena, kien intavola rikors kontra l-attrici, martu, li llum ghandha seba’ u ghoxrin (27) sena, liema rikors f’forma fotostatika qieghed hawn jigi mehmuz bhala Dok. “CC1” u fejn din l-Onorabbli Qorti tkun tista’ tikkonstata kemm-il darba l-konvenut kellu jirrikorri ghas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili, in-numru ta’ digrieti li kien ottjena bhad-digriet numru 1104/97 moghti nhar it-tmintax (18) ta’ Settembru, ta’ l-elf disa’ mija seba’ u disghin (1997); digriet iehor numru 1103/97 moghti ukoll nhar it-tmintax (18) ta’ Settembru, ta’ l-elf disa’ mija seba’ u disghin (1997), din id-darba fl-ismijiet inversi;

Illi kull darba l-konvenut jaghmel l-isforzi kollha tieghu fl-interess dejjem tat-tlett itfal uliedu minuri biex jipprova jasal ghal rikonciljazzjoni ma’ l-attrici, izda dejjem ic-cirkostanzi jergghu jihzienu b’mod illi l-konvenut biex jevita ncidenti serji, b’ghafsa ta’ qalb, ikollu jallontana ruhu mid-dar konjugali f’numru 82, fi Triq il-Herba gewwa Birkirkara

u allura mbaghad terga' kull darba tibda l-procedura ghall-access tat-tlett uliedu minuri u cjoe` Abigail ta' sitt (6) snin, Christopher ta' erba' (4) snin, u Rodney ta' sentejn (2), anke kif din l-istess Qorti ikkonstatat recentement u proprju nhar l-Erbgha, sittax (16) ta' Dicembru, ta' l-elf disa' mija tmienja u disghin (1998) f'rikors li l-istess konvenut intavola quddiem din il-Qorti kif ippreseduta nhar is-seba' (7) ta' Dicembru, ta' l-elf disa' mija tmienja u disghin (1998), u din il-Qorti gentilment appuntatu ghas-smigh u fejn effettivament inghatat decizjoni ghall-jum ta' l-Erbgha, sittax (16) ta' Dicembru, ta' l-elf disa' mija tmienja u disghin (1998);

Illi l-kontendenti konjugi, Colombo, kienu nghaqdu fiz-zwieg nhar l-erbatax (14) ta' Awissu, ta' l-elf disa' mija wiehed u disghin (1991), kif jindika l-anness certifikat li huwa kopja awtentikata ta' l-original u ndikat fl-elenku tad-dokumenti bhala Dok. "CC2";

Illi mir-relazzjonijiet intimi ta' bejn il-kontendenti hemm tlett itfal, li jisimhom Abigail, li twieldet nhar l-erba' u ghoxrin (24) ta' Ottubru, ta' l-elf disa' mija tnejn u disghin (1992), u li ghalhekk illum qabzet is-sitt (6) snin kif jindika l-anness dokument certifikat tat-twelid taghha li huwa kopja originali hawn indikat bhala Dok. "CC3"; kif ukoll Christopher, li twieled fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Jannar, ta' l-elf disa' mija erba' u disghin (1994) u li illum ghandu kwazi hames (5) snin, kif jindika l-anness certifikat tat-twelied tieghu kopja awtentikata u dokumentata hawn annessa bhala Dok. "CC4"; kif ukoll Rodney, li twieled fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Awissu, ta' l-elf disa' mija sitta u disghin (1996) u li ghalhekk illum ghandu kwazi sentejn u nofs, kif jindika l-anness dokument awtentikat tac-certifikat tat-twelid tieghu ndikat bhala Dok. "CC5";

Illi ghar-ragunijiet unikament imputabbli lill-attrici, dan iz-zwieg illum tfarrak irrimedjabbilment minhabba l-eccessi, l-mohqrija, t-theddid jew offizi gravi da parti ta' l-attrici kontra l-konvenut, jew kontra xi wiehed jew wahda mit-tfal taghhom, u anke minhabba li l-hajja flimkien m'ghadhiex aktar possibbli ghaliex iz-zwieg kif intqal tkisser irrimedjabbilment u hemm inkompatibilita` assoluta ta'

karattri bejn il-kontendenti, konjugi Colombo, fatt li gie kkonfermat mill-istess konvenut fl-udjenza quddiem din l-Onorabbli Qorti ta’ nhar l-Erbgha, sittax (16) ta’ Dicembru, ta’ l-elf disa mija tmienja u disghin (1998);

Illi apparti mid-digrieti fuq indikati, din l-Onorabbli Qorti hija mistiedna biex tezamina d-digriet numru 231/96 li jgib id-data tat-tnax (12) ta’ Marzu, ta’ l-elf disa’ mija sitta u disghin (1996); id-digriet numru 232/96 li jgib id-data tat-tmintax (18) ta’ Settembru, ta’ l-elf disa’ mija seba’ u disghin (1997); flimkien mad-digriet numru 1104/97 li jgib id-data tat-tmintax (18) ta’ Settembru, ta’ l-elf disa’ mija seba’ u disghin (1997); biex din l-Onorabbli Qorti jkollha ideja ta’ kemm ilha sejra t-tenzjoni pendenti bejn il-kontendenti, konjugi Colombo, u l-isforzi genwini da parti tal-konvenut biex jipprova jsalva z-zwieg tieghu u jzomm il-familja tieghu maghquda, imma dan kien kollu ghal xejn minhabba l-atteggjament, l-immaturita` u anke l-instabilita` psikologika ta’ l-istess attrici, Maria Dolores sive Doreen Colombo. Illi dawn id-dokumenti qed jigu mmarkati bhala dokumenti “CC6”, “CC7”, “CC8” u “CC9” rispettivament;

Illi fic-cirkostanzi l-konvenut kien kostrett li jallontana ruhu mid-dar konjugali f’numru 82, Herba Street, gewwa Birkirkara, u dan biex jevita ncidenti serji u ma jaghmilx hsara lil uliedu minuri minhabba t-temperament u l-mumenti koroh ta’ isterizmu li tghaddi minnu minn zmien ghal zmien l-istess attrici;

Illi fatti bhal dawn ghamlu u ghadhom qed jaghmlu hsara lill-istess ulied minuri li jigu kostretti illi ntortament joqghodu mifrudin minn missierhom il-konvenut li tant ihobbhom u ghal dawn ir-ragunijiet u minkejja d-digriet ta’ din l-Onorabbli Qorti fl-udjenza ta’ nhar l-Erbgha, sittax (16) ta’ Dicembru, ta’ l-elf disa mija tmienja u disghin (1998), Awla 4, xorta wahda l-istess konvenut qieghed f’din il-kontro-talba tieghu jaghmel it-talba biex huwa jiehu f’idejh il-kura u l-kustodja tat-tlett uliedu minuri, peress illi jemmen li jkun fl-interess ahhari u suprem taghhom li jkunu mieghu u mhux m’ommhom li tbati minn mumenti koroh li jistghu jkunu ta’ perikolu serju;

Illi llum l-attrici toqghod fid-dar konjugali f'numru 82, Herba Street, gewwa Birkirkara – BKR 03, filwaqt illi l-konvenut kien kostrett illi jmur jirresjedi ghand il-genituri tieghu f'Duca House, Triq Mensija, gewwa San Gwann SGN 05, sitwazzjoni li ma hija xejn pjacevoli ghall-istess konvenut li huwa ragel ta' l-affari tieghu u matur u zgur ma stenniex li ser ikun kostrett li jmur jerga' jirresjedi ma' l-istess genituri tieghu;

Illi biex jigu evitati dawn il-proceduri kontenzjuzi, il-konvenut kien sahansitra ghamel abbozz dettaljat li fuqu kellha tigi mibnija l-firda konsenswali bejn l-attrici u bejn il-konvenut, imma li sfortunatament l-istess attrici minghajr qatt ma tat hjiel li hija ma kinetx sejra taccetta dan l-abbozz ta' firda konsenswali, qabdet u ntavolat ic-citazzjoni odjerna nhar is-sitta (6) ta' Ottubru, ta' l-elf disa' mija seba u disghin (1997), meta l-konvenut kien minghalih li l-proceduri quddiem is-Sekond' Awla kienu qeghdin jigu differiti biex proprju wiehed jara l-possibilta` li ssir is-separazzjoni konsenswali a bazi ta' l-abbozz li hawn ukoll qed jigi elenkat fl-elenku tad-dokumenti bhala Dok. “CC10”;

Illi kien gja sar rikors konguntiv, tal-konjugi Christopher u Maria Dolores sive Doreen Colombo, li gie pprezentat nhar l-ghaxra ta' (10) Lulju, ta' l-elf disa mija tmienja u disghin (1998), fejn proprju kien mottiv car illi l-konvenut kien qed jaghmel hiltu biex jissepara konsenswalment, u fil-jum tat-Tlieta, ghoxrin (23) ta' Ottubru, ta' l-elf disa mija tmienja u disghin (1998), meta dehru l-partijiet assistiti, l-istess Qorti ddikjarat illi billi kien ghad jonqos li jsiru xi emendi fuq l-abbozz ipprezentat, dan ir-rikors kien gie differit ghall-erba' u ghoxrin (24) ta' Novembru, ta' l-elf disa' mija tmienja u disghin (1998), fid-disa' ta' fil-ghodu (9.00a.m.) meta kif din il-Qorti tista tikkonstata, ic-citazzjoni gja kien ilha ipprezentata aktar minn sena u xahar u nofs qabel. Ghalhekk, il-konvenut qieghed ihalli f'idejn il-Qorti biex tevalwa min ried li l-affarijiet isiru bil-kwiet u min kien qieghed jizvija l-istess Sekond' Awla tal-Qorti Civili, u dan skond kif jidher mill-anness dokument li qed jigi esebit li jindika kopja tar-rikors konguntiv quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili ta' Malta u l-verbal fl-

udjenza tat-Tlieta, ghoxrin (20) ta' Ottubru, ta' l-elf disa' mija tmienja u disghin (1998), l-istess rilaxxat mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili – Dok. "CC11";

Illi minn dawn l-udjenzi quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili kien hemm diversi, kif din l-Onorabbli Qorti tinghata hjiel sufficjenti taghhom;

Illi ssir referenza wkoll ghad-digriet numru 231/96 li gie ntavolat mill-istess konvenut nhar l-ewwel (1) ta' Marzu, ta' l-elf disa' mija sitta u disghin (1996) u fejn fit-tnax (12) ta' Marzu ta' l-istess sena, is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili tat id-digriet taghha ghall-awtorizzazzjoni, f'liema jum kienet dehret quddiem is-Sekond' Awla wkoll Anna Maria Mangion, *Social Worker* u fejn l-istess konvenut kien gharraf lill-Qorti li huwa ma kienx qieghed jahdem bi qligh dak iz-zmien – (Dok. "CC6");
Illi ssir referenza wkoll ghad-digriet numru 232/96 ntavolat mill-attrici odjerna min fejn jirrizulta li sa dak iz-zmien il-konjugi Colombo kien ghad kellhom biss zewgt itfal u fejn kif jista' jigi kkonstatat fl-udjenza tat-tletin (30) ta' Ottubru, ta' l-elf disa' mija hamsa u disghin (1995) gie nnotat li kien hemm possibilita` ta' rikonciljazzjoni, li ma sehhitx, u li ghalkemm fit-tnax (12) ta' Marzu, ta' l-elf disa' mija sitta u disghin (1996) is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili ippreseduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo tat id-digriet taghha (Dok. "CC7");

Illi dawn id-dokumenti qed jigu murija lil din l-Onorabbli Qorti biex ma jithalla l-ebda dubju dwar is-serjeta` tal-konvenut meta fl-udjenza quddiem din il-Qorti ta' nhar l-Erbgha, sittax (16) ta' Dicembru, ta' l-elf disa mija tmienja u disghin (1998), huwa tenna illi ma kienx hemm tama aktar ta' rikonciljazzjoni, mhux b'xi att ta' sfida kif forsi din l-Onorabbli Qorti nterpretat il-fgura kbira ta' l-istess konvenut, imma minhabba l-fatt illi gja kien hemm katina shiha ta' deheriet quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili u sforzi kontinwi da parti tal-konvenut ghar-rikonciljazzjoni imma l-attrici dejjem uriet li hija ma hijiex fi grad li ssostni u zzomm dan iz-zwieg ghaddej;

Illi gja l-istess konvenut kien ghamel protest gudizzjarju rigward agir abuziv fir-rigward tieghu bhala missier ghal uliedu minuri, liema protest gudizzjarju kien sar kontra l-Onorevoli Prim Ministru, kontra Monsinjur Giuseppi Mercieca, kontra Suor Joan Gardner, kontra d-Direttur tal-Familja, u kontra l-imsemmija, Maria Dolores Colombo, liema protest gudizzjarju kien gie riprodott fil-gurnal *The Times* ta' nhar il-Hamis, seba' (7) ta' Marzu, ta' l-elf disa` mija sitta u disghin (1996) liema kopja informali tal-protest gudizzjarju u r-rapport fit-*Times* li jirrigwarda lill-istess konvenut qeghdin hawn elenkati bhala Dok. "CC12";

Illi ndikazzjoni ohra ta' kemm il-konvenut ipprova jsalva dan iz-zwieg u anke jiddefendi d-drittijiet tieghu bhala missier tal-minuri nsibuh f'ittra datata it-Tnejn, erba' (4) ta' Marzu, ta' l-elf disa` mija sitta u disghin (1996), mibghuta lil Madre Superjura f'Merhba Bik, Birbal Street, gewwa Hal-Balzan – BZN 08 u lid-Direttur tal-Familja Dottor Victor Zammit LL.D., fic-Centru Hidma Socjali gewwa Santa Venera, fejn naraw lill-konvenut jipprotesta ghal mod abbuziv ta' kif il-konvenuta u anke s-sorijiet jirreagixxu f'cirkostanzi bhal dawn, ta' spiss b'detriment serju ghall-missier, liema kopja nformali ta' l-imsemmija ittra qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. "CC13";

L-istess konvenut talab ghalhekk lil-attrici tghid ghar-ragunijiet premessi, l-ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex tevalwa, tiddeciedi, taqta u tordna illi:

a) Ghandha tigi mhabbra b'din is-sentenza l-firda personali bejn il-kontendenti konjugi Colombo a bazi ta' l-**artikolu 35, sub-artikolu (1) tal-Kodici Civili** li abazi taghha tintemm ghall-effetti kollha Civili, l-obbligu ta' bejniethom li jghixu flimkien;

b) Iz-zwieg li sehh bejn il-kontendenti skond it-taghrif moghti fil-korp ta' din in-nota ta' l-eccezzjonijiet u kontro-talba, nhar l-erbatax (14) ta' Awissu, ta' l-elf disa' mija wiehed u disghin (1991), ghandu jigi kkonfermat li l-inkompatibilita` tal-konjugi Colombo m'ghamlithiex aktar

possibbli li din il-koppja jghixu flimkien u kwindi l-konferma tal-firda personali ta' bejniethom;

c) Dan iz-zwieg, *inter alia,* tfarrak a bazi ta' l-**artikolu 40 tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta** minhabba l-eccessi, il-mohqrija, it-theddid jew offizi gravi da parti ta' l-attrici kontra l-konvenut, jew kontra xi wiehed mit-tlett itfal minuri hawn fuq indikati, *ossia* Abigail, Christopher, u Rodney, u anke li l-hajja flimkien m'ghadiex aktar possibbli billi dan iz-zwieg illum tkisser irrimedjabbilment minghajr l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni;

d) Id-dar konjugali li tinsab f'numru 82, fi Triq Herba, gewwa Birkirkara ghandha tigi assenjata *in toto* lill-konvenut flimkien mat-tlett itfal minuri u dan fl-interess suprem ta' l-istess minuri u minhabba l-istat perikoluz ta' l-attrici fil-mumenti isterici u xejn stabbli taghha;

e) Il-konvenut ghandu jigi provdut b'dik ir-retta alimentari da parti ta' l-attrici skond l-abiltajiet taghha illi hija tahdem u fic-cirkostanzi socjali ta' l-istess familja COLOMBO;

f) L-kura u l-kustodja tat-tlett itfal minuri Abigail ta' sitt snin, Christopher ta' hames (5) snin u Rodney ta' sentejn u nofs fil-mument li qed tigi ntavolata din il-Kontro-Talba odjerna, ghandhom jigu fdati f'idejn missierhom il-konvenut, u dan fl-interess suprem u ghal gid ahhari ta' l-istess ulied minuri;

g) L-effetti ta' l-**artikolu 48** *in toto* ghandhom jigu applikati fis-sens illi l-mara li hija hatja tal-firda ghandha titlef il-jeddijiet imsemmijin fl-**artikoli 631, 633, 633 (a), 825, 826 u 827 tal-Kodici Civili**, kif ukoll dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-ohra b'donazzjoni bi hsieb taz-zwieg jew waqt iz-zwieg, jew taht titolu iehor gratuitu;

h) Ghandu jkun applikat is-**sub-artikolu (1) ta' l-artikolu 48, paragrafu (c)** u cjoe` li l-mara Maria Dolores sive Doreen Colombo ghandha titlef kull jedd ta' parti miz-zwieg ghal nofs ta' l-akkwisti li jkunu saru l-aktar bil-hidma tal-parti l-ohra wara data stabbilita mill-Qorti bhala d-data

meta l-parti ghandha tkun kunsidrata li minnha tkun hatja tal-firda;

i) L-attrici l-mara ghandha titlef il-jedd li ggieghel lill-parti l-ohra, f'kull kaz, li taghtiha l-manteniment bis-sahha ta' l-obbligu li jitnissel miz-zwieg;

j) Ghandhom ikunu applikati l-**artikoli 51, 52, u 53 tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta**, fid-diskrezzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti u a bazi tal-provi mressqa fil-mori ta' din il-kawza odjerna;

k) Ghandu jkun applikat l-effetti kollha fl-intier taghhom ta' l-**artikolu 54 tal-Kodici Civili, sub-artikolu (1), sas-sub-artikolu (7) tal-Kodici Civili,** u cjoe` dwar l-obbligu tal-manteniment a favur tal-konvenut u kontra l-attrici a bazi tal-fatti kif jirrizultaw lil din l-Onorabbli Qorti fil-mori ta' din il-kawza;

l) Ghandu jkun applikat l-effetti ta' l-**artikolu 55 tal-Kodici Civili** u cjoe` li ghandha tigi xolta il-komunjoni ta' l-akkwisti b'mod espress, u minghajr pregudizzju ghat-talbiet tal-konvenut kif hawn suesposti, u b'mod partikolari ghall-effetti ta' l-**artikolu 48 bis-sub-artikoli tieghu tal-Kodici Civili;**

m) Ghandu jkun applikat a favur tal-konvenut l-effetti ta' l-**artikolu 55 (a) tal-Kapitolu 16 ta' Ligijiet ta' Malta**, li jirrigwardaw id-dar taz-zwieg, fis-sens illi l-konvenut ghandu jithalla jirrisjedi fir-residenza numru 82, fi Triq Herba gewwa Birkirkara flimkien ma' uliedu, u ad eskluzjoni ta' l-attrici minhabba it-temperament vjolenti taghha u l-instabilita` psikika u psikologika taghha li taghmilha ta' perikolu ghat-tfal u allura fl-interess tat-tfal odjerni li l-attrici tigi ordnata tallontana ruhha mid-dar konjugali;

n) L-effetti ta' l-**artikolu 56 fl-intier tieghu u l-artikolu 57 fl-intier tieghu tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** ghandhom ikunu applikati fid-diskrezzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti fir-rigward tal-hsieb ta' l-ulied wara l-firda u l-jedd tal-missier u ta' l-omm li jaraw li kollox qieghed isir

sewwa ghal dak li huwa manteniment ta’ l-istess tfal; sakemm dawn jibqghu minuri;

o) L-effetti ta’ l-**artikolu 60, tal-Kodici Civili**, u anke b’mod partikolari illi l-konjugi Colombo, ghandhom jitilfu d-drittijiet ta’ successjoni naha kontra l-ohra u *vice versa*;

p) Ghandu jkun applikabbli l-effetti ta’ l-**artikolu 62, sub-artikolu (2) ta’ l-istess Kapitolu 16 tal-Kodici Civili,** fejn din il-Qorti qed tigi mitluba biex tipprojbixxi lill-attrici milli tkompli tuza kunjomu, Colombo, bhala zewgha wara s-separazzjoni, u li din ghandha tirriverti ghal kunjom xbubitha u cjoe` Saliba, peress illi l-uzu tal-kunjom, Colombo, jista jkun ta’ pregudizzju gravi ghal-istess ragel il-konvenut odjern;

q) Il-konvenut m’ghandu jbati ebda forma ta’ spejjez, la gudizzjarji u lanqas extra-gudizzjarji konnessi ma’ din il-kawza, li giet intavolata tort unikament ta’ l-istess attrici, u li s-separazzjoni bonarja u r-rikonciljazzjoni ma sehhewx minhabba l-ghebusija tar-ras u l-instabilita` psikologika ta’ l-istess attrici;

r) Ghandhom jinghataw kwalsiasi provvedimenti opportuni li din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni li tordna u taghti fid-dawl tat-talbiet tal-konvenut kif hawn suesposti fid-dawl tal-kontro-talba mehmuza man-nota ta’ l-eccezzjonijiet f’din ic-citazzjoni odjerna;

Bl-ispejjez kollha, gudizzjarji u extra-gudizzjarji kontra l-attrici, Colombo Maria Dolores sive Doreen, inkluz ta’ kwalsiasi att relatat direttament jew indirettament, ma’ din il-kawza odjerna, liema attrici Colombo Maria Dolores sive Doreen tigi ngunta min issa in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 28 *et seq*. tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti esebiti a fol 33 tal-process;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-attriciipprezentata fil-11 ta’ Jannar, 1999 a fol. 95 *et seq*. tal-process fejn gie eccepit:-

(1) Illi t-talbiet tal-konvenut indikati fil-kontro-talba tieghu bl-ittri C, D, E, F, G, H, I, J, K, M, N, P u Q huma nfondati u ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez;

(2) Illi t-talbiet l-ohra fil-kontro-talba tal-konvenut ma humiex opposti; izda t-tort ghas-separazzjoni u l-konsegwenzi, huma attribwibbli lill-konvenut;

(3) Illi *stante* t-tort tal-konvenut ghas-separazzjoni, l-eccipjenti ma ghandhiex tbati ebda spejjez;

B’rizerva ta’ eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attrici a fol. 96 *et seq.* tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda a fol. 97 tal-process;

Rat in-nota tal-konvenut a fol. 98 tal-process li biha l-konvenut ta ruhhu notifikat bic-citazzjoni attrici.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta’ Frar 1999 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Josette Demicoli bhala Assistent Gudizzjarju;
Rat ir-rikors tal-konvenut (1) ipprezentat fid-9 ta’ Marzu, 1999 a fol. 101 *et seq.* tal-process u li permezz tieghu talab lil din il-Qorti (1) illi fl-ewwel lok huwa jinghata l-kura u l-kustodja tat-tlett itfal minuri Abigail, Christopher u Rodney, ahwa Colombo, bil-possibilita` ta’ access ghal dawn l-ulied minuri da parti ta’ l-attrici skond kif tiddeciedi u tiddetermina l-Qorti; (2) illi jekk il-Qorti thoss li m’ghandhiex taghti l-kura u l-kustodja tat-tlett itfal minuri lill-konvenut, il-konvenut qieghed jitlob li allura jkun hemm kura u kustodja konguntiva ta’ l-ulied minuri ghar-ragunijiet ta’ l-interess suprem ta’ l-istess minuri kif brevement imfisser f’dan ir-rikors u kif il-konvenut lest li jelabora quddiem din il-Qorti jekk ikun hemm bzonn; (3) illi jekk il-Qorti thoss li lanqas m’ghandha takkorda l-kura u l-kustodja konguntiva tat-tlett ulied minuri lill-konjugi

Colombo, allura l-konvenut qed jitlob li jinghata l-kura u l-kustodja ta' bintu minuri Colombo Abigail ta' sitt (6) snin minhabba li din regolarment qed tilmenta ma' missierha li ommha ma hijiex qeghda tittrattaha tajjeb ripetutivament titlob lil missierha biex hija tmur tirrisjedi mieghu *stante* li hija migbuda hafna lejh; (iv) illi jekk din il-Qorti thoss li l-ebda wahda minn dawn it-tlett talbiet precedenti hija fic-cirkostanzi m'hijiex lesta li takkorda, allura l-konvenut qieghed jitlob illi bintu minuri, Abigail, tkun tista meta ma titlifx hin mill-iskola jew attivitajiet socjali taghha, anke tmur u torqod fir-residenza ta' missierha, kif hija l-istess xewqa tal-minuri, Abigail Colombo, u li minn naha l-ohra li l-minuri Rodney ta' sentejn u nofs jibda jigi nkluz fl-access ghat-tfal minuri meta l-missier imur ghat-tlett uliedu kull nhar ta' Hadd bejn it-tlieta u t-tmienja ta' filghaxija u mhux il-minuri, Rodney jigi deliberatament mizmum mill-attrici biex imbaghad din tikkonsejah jew lil ommha jew lill-genituri taghha jew thallih ghand is-sorijiet skond l-esigenza ta' l-attrici jkunu f'dak il-mument opportun; (v) illi l-konvenut ghandu jigi mehlus milli jghaddi xi forma ta' retta alimentari lill-attrici *stante* li din qed tahdem u skond il-ligi ghandha l-arti u s-sengha li taghmel hekk kif effettivament qed taghmel u ghalhekk m'ghandu jkun hemm l-ebda obbligu da parti tal-konvenut li jivversa xi forma ta' retta alimentari lill-istess attrici ghaliha personali u sakemm hija jibqa jkollha l-kura u l-kustodja unikament tat-tfal minuri, allura jivversalha l-ammont ta' manteniment li qed jghaddi bhal issa l-konvenut ghal uliedu minuri, imma jekk il-kura u l-kustodja tal-minuri tghaddi f'idejn il-konvenut, Colombo Christopher, allura anke dik ir-retta alimentari li qed tigi mghoddija lill-attrici ghal uliedha minuri, din ghandha titwaqqaf ukoll lill-attrici; (vi) illi jekk il-Qorti jidhrilha xieraq u opportun ghandu jigi mahtur *welfare officer* biex ikun jista jew tkun tista taghmel studju fuq is-sitwazzjoni ta' dawn l-ulied minuri halli ma jbatux bla bzonn, il-gid suprem taghhom jigi salvagwardjat, u l-Qorti tkun tista tiddeciedi ahjar fid-dawl tat-talbiet suesposti da parti tal-konvenut Colombo Christopher (vii) illi ghaldaqstant, din l-Onorabbli Qorti qed tigi mitluba biex tappunta dan ir-rikors b'urgenza minhabba n-natura urgenti tat-talbiet kif esposti mill-istess konvenut, Colombo

Christopher u dan taht dawk il-provvedimenti opportuni li din il-Qorti jidhrilha xieraq u opportun illi taghti u tordna;

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Marzu, 1999 fejn il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro-parti bi zmien jumejn ghar-risposta;

Rat ir-risposta ta' l-attrici ipprezentata fit-22 ta' Mejju, 1999 a fol. 109 *et seq*. tal-process u li permezz taghha hija talbet lil din il-Qorti sabiex tichad it-talbiet tal-konvenut rikorrenti;

Rat id-digriet taghha ta' l-20 ta' Lulju, 2000 fejn il-Qorti cahdet it-talbiet kollha tar-rikorrenti hlief ghar-raba` wahda fejn tikkoncerna l-minuri Rodney, b'dan li jigi kkonfermat id-digriet tal-Qorti tas-Sekond' Awla tat-18 ta' Settembru, 1997, f'kollox hlief ghall-access ta' l-istess minuri, Rodney, li ghandu jkun bhal ta' hutu l-ohra cjoe` t-Tlieta u l-Hamis mill-5.00p.m. sas-7.00p.m. u l-Hadd fil-hinijiet hemm indikati, b'dan li r-rikorrenti jkollu access ghat-tlett uliedu flimkien fil-hinijiet hemm indikati. Dwar l-ispejjez, kull parti thallas l-ispejjes taghha ta' dan ir-rikors.

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju u d-dokumenti u x-xhieda minnha migbura tas-7 ta' April 1999 fejn xehdet l-**attrici**; tat-23 ta' April 1999 fejn kompliet tixhed l-attrici; tat-3 ta' Mejju 1999 fejn kompliet tixhed l-attrici; tas-17 ta' Mejju 1999 fejn xehdu **Sister Maria Antonia Farrugia** (a fol. 215), **Sister Joan Garner** (a fol. 217), **Anna Maria Mangion** (a fol. 220), **Ganni Saliba** (a fol. 225), **Emanuela Saliba**, omm l-attrici (a fol. 227); tat-28 ta' Gunju 1999 fejn kompliet tixhed l-**attrici** (a fol. 231); tal-5 ta' Lulju 1999 fejn xehed il-**konvenut in subizzjoni** (a fol. 236); tas-26 ta' Lulju 1999; tat-13 ta' Settembru 1999 fejn kompliet tixhed l-**attrici**; u ta' l-4 ta' Ottubru 1999;

Rat ir-rikors tal-konvenut (2) ipprezentat fil-11 ta' Ottubru, 1999 a fol. 263 *et seq.* tal-process u li permezz tieghu talab lil din il-Qorti sabiex fl-ewwel lok, titlob minghand l-attrici biex din tindika ezatt lil din il-Qorti lil min baqghalha bhala xhieda, u kemm dawn jammontaw halli din il-Qorti

tkun tista tirregola s-sitwazzjoni ghal dak li ghandu x'jaqsam gbir tal-provi mill-Assistent Gudizzjarju, Dr. Josette Demicoli, LL.D., qabel ma l-konvenut jibda jipprezenta l-provi tieghu, u dan sabiex il-konvenut ma jigi bl-ebda mod ippregudikat meta jibda l-istadju tal-provi tieghu mehud in konsiderazzjoni kemm ilha sejra b'seduti l-attrici tipprezenta x-xhieda u aktar iva milli le effettivament ma jsir xejn; u fit-tieni lok din l-Onorabbli Qorti qed tigi mitluba biex fl-interess suprem tat-tlett ulied minuri tal-konvenut, tiffissa jum u hin fejn ir-rikors li kien prezenta l-konvenut aktar min sena ilu, dwar accessibilita` aktar konvenjenti fl-interess ta' l-ulied minuri, u tnaqqis ta' l-alimenti *stante* li l-attrici llum qed tahdem '*full time*' jigu meqjusa minn din il-Qorti, u dan peress li l-avukat difensur tal-konvenut f'jum it-Tlieta, dsatax (19) ta' Ottubru, ta' l-elf disa' mija disa' u disghin (1999), ma huwiex ser ikun prezenti Malta biex ifisser dan kollu lil din l-Onorabbli Qorti, *stante* li jinsab imsiefer fuq xoghol urgenti barra minn Malta, u jirritorna Malta f'jum l-Erbgha, ghoxrin (20) ta' Ottubru, ta' l-elf disa' mija disa' u disghin (1999) u dan taht dawk il-provvedimenti kollha opportuni li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u gust illi taghti u tordna fic-cirkostanzi.

Rat id-digriet taghha tad-19 ta' Ottubru, 1999 fejn il-Qorti cahdet it-talbiet f'dak l-istadju.

Rat ir-rikors (1) ta' l-attrici ipprezentat fis-6 ta' Ottubru, 2000 a fol. 334 tal-process u li permezz tieghu talbet lil din il-Qorti sabiex (i) tawtorizzaha tikkonkludi l-provi taghha billi ttella' x-xhieda fuq indikati u (ii) tinnomina perit biex jistma l-benefikati li saru fuq il-fond ta' San gwann hawn fuq indikat u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat id-dugriet datat 6 ta' Novembru 2000 fejn giet milqugha biss l-ewwel talba bil-kondizzjonijiet hemm indikati f-istess digriet a fol. 340 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti tad-19 ta' Ottubru 1999 u ta' l-20 ta' Jannar 2000;

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju tas-26 ta’ Frar 2000;

Rat il-verbal tal-21 ta’ Marzu 2000; tat-23 ta’ Mejju 2000 fejn gie revokat l-inkarigu ta’ l-Assistent Gudizzjarju u l-kawza giet differita ghall-provi kollha ta’ l-attrici u sabiex jigi trattat ir-rikors tat-18 ta’ Marzu 1999; tat-12 ta’ Lulju 2000 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Josette Demicoli bhala Assistent Gudizzjarju sabiex tisma’ l-provi kollha tal-konvenut u Dr. Emmy Bezzina, ghall-konvenut, tratta r-rikors tad-9 ta’ Marzu 1999 li baqa` differit ghal digriet kamerali;

Rat id-digriet ta’ l-20 ta’ Lulju 2000;

Rat in-nota tal-konvenut, datata 11 ta’ Settembru 2000, fejn li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu (a fol. 278), tal-genituri tieghu (a fol. 301) u ta’ Charmaine Bray (a fol. 310);

Rat in-nota ta’ l-attrici datata 4 ta’ Gunju, 2001 u li permezz taghha esebiet tlett dokumenti u cjoe` tlett rapporti maghmula minnha lill-pulizija kontra zewgha.

Rat is-seduta mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju a fol. 321 fejn xehdet **Rose Sammut**;

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta’ Ottubru 2000;

Rat ir-rikors ta’ l-attrici datat 6 ta’ Ottubru 2000 fejn talbet lill-Qorti sabiex tawtorizzaha tikkonkludi l-provi taghha u ttella` x-xhieda minnha indikati fl-istess rikors u sabiex tinnomina perit biex jistma l-benefikati li saru fuq il-fond ta’ San Gwann;

Rat ir-risposta tal-konvenut, Christopher Colombo ipprezentata fil-31 ta’ Ottubru, 2000 a fol. 337 *et seq.* tal-process fejn talab lil Qorti sabiex tichad it-talbiet tar-rikorrenti.

Rat id-digriet taghha tas-6 ta’ Novembru, 2000 (a fol. 340) fejn il-Qorti laqghet biss l-ewwel talba b’dan pero` illi tali

xhieda ghandhom jitharrku kollha ghas-seduta quddiem l-Assistent Gudizzjarju, Dr. Josette Demicoli ghall-24 ta' Novembru, 2000 f'nofsinhar u fin-nuqqas ta' l-attrici hi tipprovdi tali xhieda fl-istess seduta, l-provi taghha ghandhom jigu dikjarati konkluzi. Il-Qorti irrizervat li tipprovdi dwar it-tieni talba fi stadju ulterjuri.

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju fil-25 ta' Settembru 2000 u fis-27 ta' Settembru 2000; u tat-30 ta' Novembru 2000 fejn xehed l-**Ispettur Dennis Theuma** (a fol. 350);

Rat ir-rikors (3) ta' l-attrici ipprezentat fit-12 ta' Marzu, 2001 a fol. 374 tal-process u li permezz tieghu talbet lil din il-Qorti sabiex tawtorizza x-xhud imsemmi (rapprezentant tal-Bank of Valletta plc) sabiex jirrilaxxja l-informazzjoni mitluba u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat id-digriet taghha ta' l-14 ta' Marzu, 2001 fejn il-Qorti laqghet it-talba u ezentat lix-xhud mis-sigriet professjonali b'dan li x-xhieda tkun disponibbli biss lill-partijiet, lid-difensuri taghhom u lill-Qorti.

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju datati 6 ta' Marzu 2001; 5 ta' April 2001 fejn xehed **Arthur Cassar** (a fol. 388 a); 1 ta' Mejju 2001; u tad-29 ta' Mejju 2001;

Rat in-nota ta' l-attrici ta' l-4 ta' Gunju 2001;

Rat il-verbal tal-5 ta' Gunju 2001 fejn Dr. Jose Herrera, ghall-attrici, ddikjara li m'ghandux provi izjed;

Rat ir-rikors tal-konvenut (3) ipprezentat fil-5 ta' Gunju, 2001 a fol. 401 *et seq.* tal-process u li permezz tieghu talab lil din il-Qorti sabiex (1) tvarja d-digriet tal-manteniment provvizorju fis-sens li l-intimata ma hix intitolata ghas-somministrazzjoni ta' manteniment u (2) taghti dawk id-direttivi u ordnijiet opportuni, inkluz jekk ikun il-kaz li t-tfal ma jibqghux fil-kustodja ta' l-intimata biex jigi assigurat l-ahjar harsien tat-tfal minuri.

Rat id-digriet taghha tas-6 ta' Gunju, 2001 fejn il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro parti b'jumejn zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta ta' l-attrici pprezentata fil-25 ta' Gunju, 2001 a fol. 406 tal-process u li permezz taghha hija talbet lil din il-Qorti sabiex tichad it-talbiet tal-konvenut.

Rat id-digriet taghha tal-25 ta' Gunju, 2001 fejn il-Qorti cahdet l-ewwel talba u cahdet it-tieni talba f'dan l-istadju anke peress li l-kawza proprio waslet biex tigi konkluza.

Rat ir-rikors (4) tal-konvenut ipprezentat fit-18 ta' Lulju, 2001 a fol. 411 tal-process u li permezz tieghu talab lil din il-Qorti sabiex tawtorizzah iressaq bhala provi lill-imsemmi, Albert Gauci u lit-tifla minuri, Abigail, ta' tmien (8) snin taht dawk il-provvedimenti u ordnijiet li jidhrilha xierqa fic-cirkostanzi.

Rat id-digriet taghha tat-23 ta' Lulju, 2001 fejn il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro parti b'jumejn zmien ghar-risposta.
Rat id-digriet taghha tal-25 ta' Settembru, 2001 fejn wara li rat li ma kienitx dahlet risposta, laqghet it-talba b'dan illi tali xhieda ghandha tittella f'seduta wahda quddiem Assistent Gudizzjarju, Dr. Josette Demicoli u tali seduta tigi iffissata b'ordni tal-Qorti, f'data li l-Assistent Gudizzjarju tiffissa mhux aktar tard minn ghaxart ijiem mill-lum.

Rat ir-risposta ta' l-attrici dwar dan ir-rikors ta' l-attur ipprezentata fis-7 ta' Awissu, 2001 a fol. 417 tal-process u li permezz taghha hija talbet lil din il-Qorti sabiex tichad it-talbiet tal-konvenut.

Rat id-digriet taghha tad-9 ta' Awissu, 2001 fejn il-Qorti iddiregiet lill-attrici tindika r-rikors li ghalih qed issir din ir-risposta u dan zmien erbat ijiem mill-lum.

Rat in-nota ta' l-attrici datata 24 ta' Awissu, 2001 li permezz taghha indikat lill-Qorti ir-rikors li ghalih saret din ir-risposta.

Rat id-digriet taghha tas-27 ta’ Awissu, 2001 fejn il-Qorti laqghet it-talba u ordnat lill-Assistent Gudizzjarju tiffissa seduta wahda ghal-provi kollha liema seduta ghandha tinzamm b’ordni tal-Qorti f’Settembru, 2001 f’hin u data li jigu ffissati mill-Assistent Gudizzjarju.

Rat ir-rikors (4) ta’ l-attriciipprezentat fis-7 ta’ Awissu, 2001 a fol. 415 tal-process u li permezz tieghu talbet lil din il-Qorti sabiex tahtar perit arkitett sabiex japprezza l-miljoramenti li saru fid-dar matrimonjali tal-kontendenti u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat id-digriet taghha tad-9 ta’ Awissu, 2001 fejn il-Qorti ordnat qabel xejn lir-rikorrenti sabiex tindika b’nota l-miljoramenti li allegatament saru fid-dar matrimonjali u dan permezz ta’ nota fi zmien sitt (6) ijiem mill-lum.

Rat ir-rikors ta’ l-attrici ipprezentat fit-3 ta’ Settembru, 2001 a fol. 422 tal-process u li permezz tieghu talbet lil din il-Qorti sabiex terga’ tirrikonsidra t-talba taghha precedenti u *occorrendo* jekk jidhrilha opportun tahtar arkitett u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat id-digriet taghha ta’ l-4 ta’ Settembru, 2001 fejn ordnat n-notifika lill-kontro-parti bi zmien jumejn ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-konvenut ipprezentata fit-18 ta’ Settembru, 2001 a fol. 424 *et seq*. tal-process fejn talab illi t-talba attrici tigi michuda.

Rat id-digriet taghha ta’ l-20 ta’ Settembru, 2001 fejn il-Qorti ordnat lill-partijiet jesebixxu kopja tal-kuntratti relattivi fi zmien jumejn mill-lum u tirrizerva li tipprovdi dwar ir-rikors fi stadju ulterjuri.

Rat il-verbal tas-17 ta’ Ottubru 2001; tat-28 ta’ Frar 2002;

Rat ir-rikors ta’ l-attrici ipprezentat fit-22 ta’ Marzu, 2002 fejn hija talbet illi l-Qorti tawtorizzaha tinizzja proceduri kontra l-genituri ta’ l-intimat sabiex jigi likwidat l-

*enhancement value* tal-benefikati mibnija fuq l-art f'Herba Street, B'Kara *ossia* l-fond 82, fl-imsemmija triq u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhriha xierqa u opportuni.

Rat id-digriet taghha tas-26 ta' Marzu, 2002 fejn il-Qorti ordnat n-notifika lill-kontro-parti bi zmien jumejn gharrisposta.

Rat ir-risposta tal-konvenut pprezentata fil-5 ta' April, 2002 u li permezz taghha huwa talab li din il-Qorti tichad it-talbiet tar-rikorrenti.

Rat id-digriet taghha tas-16 ta' April, 2002 fejn il-Qorti cahdet it-talba *stante* li ma jirrizultax li l-kunsens tal-intimat gie mitlub, wisq inqas michud, u *di piu'* ma jirrizultax li dan ir-rikors ghandu x'jaqsam mal-proceduri pendenti quddiem din il-Qorti bhala Qorti tal-Familja, u jidher ukoll li l-procedura adoperata ma hijiex idonea.

Rat il-verbal tat-28 ta' Mejju 2002;

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju datati 1 ta' Novembru 2001; tal-25 ta' April 2002 fejn xehdet l-**attrici** (a fol. 437); 27 ta' Mejju 2002 u 27 ta' Settembru 2002;

Rat il-verbal tas-6 ta' Novembru 2002; tas-26 ta' Marzu 2003 fejn inghata digriet ta' nota guramentata;

Rat in-nota guramentata ta' l-attrici a fol. 458 tal-process;

Rat in-nota guramentata tal-konvenut a fol. 603 tal-process;

Rat il-verbal ta' l-4 ta' Gunju 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Marzu 2004;

Rat ir-rikors (5) tal-konvenut ipprezentat fit-3 ta' Lulju, 2003 a fol. 609 tal-process u li permezz tieghu huwa talab lill-Qorti (a) tordna li l-kura u kustodja tal-minuri Abigail tghaddi f'idejn il-konvenut b'access ghall-omm kull nhar ta' Erbgha bejn is-2.30p.m. u s-7.30p.m. tingabar u tigi

ritornata mill-omm minn fejn in-nanna materna; u (b) tordna li jigi imnaqqas il-manteniment li bhalissa qed ihallas il-konvenut bl-ammont ta' seba` liri Maltin (Lm7.00) fil-gimgha – ammont li hu kien qed ihallas ghall-manteniment ta' din il-minuri.

Rat id-digriet taghha ta' l-4 ta' Lulju, 2003 fejn il-Qorti ordnat lis-*Social Worker* involuta fil-kaz ma' l-Agenzija Appogg, u lill-kontroparti bi zmien jumejn ghar-risposta;

Rat ir-risposta ta' l-attrici ipprezentata fit-28 ta' Lulju, 2003 a fol. 614 *et seq.* tal-process u li permezz taghha filwaqt li hija qablet li l-kura u l-kustodja tal-minuri, Abigail, tghaddi ghand il-konvenut, talbet lill-Qorti sabiex tichad it-talbiet tar-rikorrenti fir-rigward tar-riduzzjoni tal-manteniment;

Rat ir-risposta ta' Charmaine Sant, *psychology officer* fi hdan is-Servizz ghall-Harsien tat-Tfal fi hdan l-Agenzija Appogg ipprezentata fl-24 ta' Lulju, 2003 a fol. 616 *et seq.* tal-process fejn filwaqt li hija irrimettiet ruhha ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti ghal dak illi jirrigwarda t-tieni talba tar-rikorrenti, talbet bir-rispett illi din l-Qorti joghgobha, anke jekk provvizorjament, tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u dan taht dawk il-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat id-digriet taghha tat-30 ta' Lulju, 2003 fejn il-Qorti laqghet l-ewwel talba, ghalkemm il-Qorti irrizervat li tibdel tali digriet. Laqghet ukoll it-tieni talba limitatament li s-somma ta' manteniment b'effett mid-data ta' dan id-digriet tkun ta' tletin lira Maltija (Lm30) [minflok hamsa u tletin lira Maltija (Lm35)] fil-gimgha *pendente lite*, u b'dan li l-konvenut ihallas l-arretrati kollha ta' manteniment kif degretat qabel illum u dan immedjatament.

Rat ir-rikors (6) ta' l-attrici ipprezentat fit-22 ta' Settembru, 2003 a fol. 621 *et seq.* tal-process u li permezz tieghu talbet illi din il-Qorti (1) tvarja l-access tal-konvenut fir-rigward tal-minuri, Christopher Colombo, billi takkordalu access kull nhar ta' Erbgha u nhar ta' Gimgha mill-5.00p.m. sas-7.00p.m. billi t-tifel jingabar mid-dar matrimonjali; (2) tvarja l-access ta' l-esponenti fir-rigward

tal-minuri, Abigail, u dan billi takkordalha hames (5) sieghat nhar ta' Hadd, liema sieghat jistghu jintghazlu minn din l-Onorabbli Qorti u dan taht dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni;

Rat id-digriet taghha tat-23 ta' Settembru, 2003 fejn il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontroparti bi zmien jumejn ghar-risposta;

Rat ir-risposta tal-konvenut ipprezentata fis-7 ta' Ottubru, 2003 a fol. 626 tal-process fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tara r-rikors li hemm pendenti fejn il-konvenut qed jitlob li jiehu l-kura u kustodja tal-minuri Christopher sabiex dan immedjatament jinhareg mill-istitut ta' St. Patrick's;

Rat id-digriet taghha tat-8 ta' Ottubru, 2003 fejn il-Qorti irrikjamat l-kawza ghat-23 ta' Ottubru, 2003 fil-11.30a.m. fejn ghandhom jidhru l-partijiet u l-minuri u rapprezentant ta' l-Agenzija Appogg li ghandha tigi mharrka mill-attrici.

Rat in-nota tal-konvenut ta' l-1 ta' Ottubru 2003 a fol. 629 tal-process;

Rat ir-rikors tal-konvenut ipprezentat fl-1 ta' Ottubru, 2003 a fol. 632 tal-process li permezz tieghu talab lill-Qorti sabiex tordna li t-tifel minuri jinhareg mill-istitut St. Patrick's u li l-kura u kustodja tal-minuri Christopher tghaddi f'idejn il-konvenut.

Rat id-digriet taghha tas-6 ta' Ottubru, 2003 fejn il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro-parti b'erbgha u ghoxrin (24) siegha ghar-risposta;

Rat ir-risposta ta' l-attrici ipprezentata fit-8 ta' Ottubru 2003 a fol. 639 tal-process u li permezz taghha hija oggezzjonat ghat-talba tal-konvenut;

Rat id-digriet taghha ta' l-10 ta' Ottubru 2003 fejn il-Qorti ordnat lill-konvenut sabiex jinnotifika l-atti kollha lis-*Social Worker* Maria Testa, li ghandha jumejn min-notifika sabiex tipprezenta nota guramentata.

Rat id-digriet taghha tal-21 ta' Ottubru, 2003 fejn il-Qorti irrizervat li tipprovdi *seduta stante.*

Rat in-nota ta' Maria Testa, *Social Worker* ma' l-ufficju centrali "Ejjew Ghandi" (Children's Homes) a fol. 636 tal-process ipprezentata fis-17 ta' Ottubru, 2003;

Rat il-verbal tat-23 ta' Ottubru 2003 fejn xehdu Graziella Schembri u Maria Testa, liema xhied tinsab a fol. 645 u 657 tal-process;

Rat il-verbali tal-5 ta' Novembru 2003; tat-12 ta' Novembru 2003 fejn l-attrici giet moghtija l-ahhar opportunita` sabiex tidher quddiem il-Qorti; tad-19 ta' Novembru 2003 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Anton Grech sabiex jezamina lill-minuri, Christopher biex jara jekk isofrix minn ADHD u jissugerixxi t-terapija li hemm bzonn u jekk hemmx bzonn jibqa' hemm; l-attrici iddikjarat illi hija f'pozizzjoni li tiehu hsieb l-istess minuri. Hija ma tahdimx, ghalkemm qed tfittex xoghol.  Gie dikjarat ukoll illi l-konvenut bhalissa qed jahdem ghal rasu u jaqla bejn erbghin (Lm40) u sittin (Lm60) lira Maltija fil-gimgha. Bhalissa qed jahdem go fabbrika San Gwann.

Rat ir-rapport ta' Dr. Anton Grech a fol. 684 tal-process;

Rat il-verbal tal-11 ta' Dicembru, 2003 fejn gie mahluf ir-rapport ta' l-Espert Psikjatriku; il-Qorti wara li rat ir-rapport ta' l-Espert Psikjatriku ordnat illi l-istess minuri jibqa sistemat fl-arrangament temporanju fl-iskola ndikata, kif attwalment huwa illum b'dan li l-kura u l-kustodja tibqa f'idejn l-omm.  L-access ghall-missier ikun nhar ta' Gimgha mill-5.00p.m. sas-7.00p.m. u nhar ta' Sibt mid-9.00 sa l-4.00p.m.; u tal-15 ta' Jannar 2004 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Novembru 2004;

Rat in-nota tal-konvenut a fol. 696 tal-process;

Rat ir-rikors (7) tal-konvenut ipprezentat fit-22 ta' Marzu, 2004 tal-process u li permezz tieghu talab lil din il-Qorti sabiex hija tezentah mill-obbligu tal-hlas tal-manteniment

ghal perjodu mit-23 ta’ Settembru, 2003 sat-30 ta’ Dicembru, 2003;

Rat id-digriet taghha tat-23 ta’ Marzu, 2004 fejn il-Qorti nnotat illi ghalkemm fir-rikors issemma d-Dok. “K” dan ma giex esebit, u ghalhekk f’dan l-istadju tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ l-istess rikors;

Rat id-digriet taghha tal-1 ta’ April, 2004 fejn giet attirata l-attenzjoni tal-Qorti li d-Dok. “K” issa jinsab fil-process man-nota msemmija, u ordnat n-notifika lill-kontro-parti bi zmien jumejn ghar-risposta;

Rat ir-risposta ta’ l-attrici pprezentata fl-20 ta’ April, 2004 li permezz taghha hija talbet lill-Qorti sabiex tichad it-talbiet tar-rikorrenti;

Rat id-digriet taghha tal-21 ta’ April, 2004 fejn il-Qorti ordnat lil kull parti tindika b’nota l-ammont ezatt ta’ arretrati ta’ manteniment sa llum allegatament dovut. Tali nota minn kull parti ssir fi zmien ghaxart ijiem mill-lum;

Rat in-nota ta’ l-attrici pprezentata fis-6 ta’ Mejju, 2004 u li permezz taghha hija indikat illi l-ammont ezatt ta’ arretrati huwa ta’ tlett mija u disghin lira Maltija (Lm390);

Rat id-digriet taghha ta’ l-24 ta’ Mejju, 2004 fejn il-Qorti rat li d-dokument ghadu sa llum mhux fl-atti ta’ dan ir-rikors in kwistjoni u tistieden lill-konvenut li jhallas l-ewwel l-arretrati ta’ manteniment li sa llum ghadhom dovuti.

Rat in-nota tal-konvenut datata 28 ta’ April 2004;

Rat ir-rikors ta’ l-attrici pprezentat fl-4 ta’ Gunju 2004 fejn hija talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tinnomina persuna adatta sabiex tezamina l-minuri, Abigail, u tirraporta r-ragunijiet dwar ghaliex l-istess minuri qieghda tirrifjuta li tara lil ommha u jekk il-minuri, Abigail, ghandha bzonn ta’ ghajnuna, x’tip ta’ ghajnuna trid tkun, u dan taht dawk l-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat id-digriet taghha tad-9 ta’ Gunju, 2004 fejn il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro-parti bi zmien jumejn gharrisposta;

Rat ir-risposta tal-konvenut opprezentata fis-16 ta’ Gunju, 2004 fejn huwa rrimetta ruhu fir-rigward tat-talba ta’ l-attrici, ghall-gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti jekk thoss li hu opportun li ssir tali nomina taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat id-digriet taghha ta’ l-1 ta’ Lulju, 2004 fejn il-Qorti ikkonfermat id-digriet taghha dwar l-access ta’ l-omm ghall-minuri, tordna lil-konvenut sabiex jaderixxi ruhu ma’ l-istess u tinnomina lill-Agenzija Appogg sabiex taghmel is-suggerimenti taghha dwar l-access tal-minuri, u wkoll li l-istess minuri, u l-partijiet jsegwu taht id-direzzjoni ta’ l-Agenzija Appogg, programm redatt ta’ *Family Therapy*, sabiex din il-pendenza tigi rizolta b’dan li l-istess inkarigu ikun kondott mis-*Social Worker* Therese Micallef, u ghandu jigi prezentat rapport mill-Agenzija Appogg fi zmien tletin (30) gurnata mill-lum. Il-Qorti ordnat in-notifika ta’ dan id-digriet lill-konvenut u l-Agenzija Appogg.

Rat ir-rikors ta’ Therese Micallef datat 26 ta’ Novembru 2004 fejn talbet lill-Qorti sabiex tawtorizzaha tahlef ir-rapport taghha fir-registru;

Rat id-digriet sussegwenti fejn il-Qorti laqghet it-talba;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi r-rapporti maghmula mill-Espert Psikjatriku Dr. Anton Grech u minn Therese Micallef mill-Agenzija Appogg;

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (I) PROVI PRODOTTTI.

Illi fis-7 ta’ April, 1999 xehdet l-attrici quddiem l-Assistent Gudizzjarju, Dr. Josette Demicoli.

Hija tghid illi l-partijiet kienu zzewgu fl-14 ta' Awissu, 1991 u kienu ilhom gharrajjes ghal tlett snin u tmien xhur. L-attrici tghid illi l-inkwiet ta' bejniethom beda madwar xahrejn wara li zzewwgu. Hija tispjega illi kull meta kien ikun hemm xi dizgwid bejniethom, il-konvenut kien jaqbad u jsawwat lill-attrici. L-attrici tghid illi dwar dawn l-incidenti hija kienet taghmel diversi rapporti gewwa l-Ghassa tal-Pulizija.

L-attrici tghid illi xoghol il-konvenut kien li jgorr il-granit *full-time.* Bhala *part-time* kien jqieghed il-madum.

Tghid l-attrici illi kien hemm xi drabi fejn hija telqet mid-dar matrimonjali bit-tfal u marret Dar Merhba Bik minhabba l-episodji ta' vjolenza li kienu qeghdin jigu ipprattikati fuqha mill-konvenut.

L-attrici tghid ukoll illi l-konvenut telaq mid-dar matrimonjali meta Rodney – it-tielet tarbija – kellu biss ghaxar xhur u mar jghix ma' Charmaine Bray.

Dwar id-dar matrimonjali u cjoe` 82, Herba Street, B'Kara l-attrici tghid illi din "*inxtrat qabel iz-zwieg meta konna gharrajjes, inxtrat fuq isem it-tnejn, il-prezz kien ta' sebat elef lira li minnhom jien hrigt hamest elef lira Maltija (Lm5,000). Id-dar xtrajniha furnished. Barra l-ghamara li kien hemm kien hemm kcina li taghtili ommi*".

Dwar l-access li jipprattika r-ragel fir-rigward tal-minuri, l-attrici tghid illi hafna drabi qeghda tkun prezenti Charmaine Bray, il-mara li skond l-istess attrici qeghda tghix mal-konvenut.

L-attrici tghid ukoll illi "*minn xi xhur 'l hawn, minn Gunju naf li zewghi qed jarma b'gabbana fil-festi. Jien naf biha ghax rajtha Hal-Tarxien, Qormi u l-Imsida u l-Gzira u fiha kien hemm zewgi, Charmaine Bray u gieli kien hemm ohtu*".

Fis-seduta tal-25 ta' April, 2002 xehdet in kontro-ezami l-istess attrici. Meta giet mistoqsija jekk hija qattx hebbet ghall-konvenut, hija nnegat dan il-fatt. Meta giet mistoqsija

x'kienet ir-raguni ta' l-inkwiet li kien hemm bejniethom, l-attrici tghid illi "*flus, ma kienx jifhem it-tbatijiet ta' familja, hrug barra bil-lejl, hrug kmieni fil-ghodu mal-friends, taparsi jistadu*". Meta giet mistoqsija dwar certu Albert Gauci, hija tghid illi dan huwa sid il-*grocer shop* li hija kienet tmur tixtri minghandu. L-attrici tghid ukoll illi hija tircievi xi beneficcji socjali kemm ghaliha u kif ukoll ghal uliedha. Hi tiehu b'madwar seba` u tmenin lira Maltija (Lm87) fix-xahar.

Fis-seduta tas-17 ta' Mejju, 1999 xehdet **Sister Maria Antonia Farrugia**. Hija kkonfermat illi l-attrici kienet marret darbtejn fid-dar Merhba Bik. Hija tghid illi lilha kien irrizultala li Doreen kienet baghtiet hafna fir-relazzjoni li kellha mal-konvenut. Tghid ukoll illi "*argumenti quddiemi ftit li xejn kien hemm, pero` gieli kien hemm. Pero` huwa dejjem wera rieda tajba imma fir-realta u mbaghad dan kien jirrizulta mod iehor fit-tfal*".

Sister Farrugia tghid ukoll illi hija rat kemm-il darba tbengil fuq l-attrici. *Oltre* dan l-istess soru kienet tkun prezenti meta t-tfal kienu jiddenegraw lill-attrici bil-kliem bhala "*l-mama zero*" u "*l-mama ma tiswa ghal xejn*". Hija tghid illi dan il-kliem li kien jinghad mit-tfal qatt ma seta jigihom f'mohhom wahedhom. Tghid illi hija jidhrilha illi "*l-istat li fih tinsab Doreen anke stat ta' certu dwejjaq illi jaqbduha huwa r-rizultat ta' abbuz mir-ragel taghha, illi jabbuza minnha emozzjonalment u anke psikologikament. Illi anke meta kienet tghix maghna sibna illi kienet mara illi tirrelata man-nisa l-ohra u maghna b'mod normali hafna. Imma meta tigi in relazzjoni mar-ragel taghha hija dippressa hafna minhabba insostni jien li minhabba l-abbuz*".

Xehdet ukoll **Sister Joan Garner** li qalet illi huma jnizzlu xi notamenti qosra dwar in-nisa li jidhlu f'dar Merhba Bik, pero`, peress illi din ix-xhud ma ghadhiex tirrisjedi fid-Dar Merhba Bik, hija ma ghadx ghandha access ghal dawn l-istess notamenti. Din ix-xhud tistqarr illi l-konvenut kien jiggieled maghha ta' spiss u dan peress illi huma kienu jzommu lill Doreen ghandhom meta kien ikollhom il-problemi bejniethom il-kontendenti. Di fatti tghid illi "*ppruvajna nirrangawhom kemm-il darba imma, jghid iva*

*umbaghad ikun le. Speci qatt ma ikkollobora ragonevolment. Jiena jekk ikolli nghid xi haga fuqu dan ir-ragel nghid li huwa ragel li jabbuza, bully. He is a mummy's child*".

Xehdet **Anna Maria Mangion**, *Social Worker* fid-Domestic Violence Unit ta' l-SWDP. Tghid illi hija kienet ghamlet tlett (3) snin bhala *Social Worker* ma' l-attrici u uliedha. Dan kien fil-perjodu ta' 1995 sa l-1998. Hija tispjega kif kienet tghin lill-attrici fil-mumenti ta' diffikulta li kien ikollha fil-hajja matrimonjali taghha. Tispjega illi gieli rat xi tbengil fuq il-persuna ta' l-attrici. Issemmi ukoll il-fatt illi l-attrici kienet tghidilha kemm il-darba illi l-konvenut kien ihalliha minghajr manteniment b' mod regolari.

Xehed ukoll **Gianni Saliba**, missier l-attrici. Huwa jsemmi okkazzjoni fejn kienu ltaqghu il-genituri tal-kontendenti flimkien ma' l-istess kontendenti u dan madwar sentejn wara li kienu izzewgu l-partijiet f'din il-kawza. Dan l-inkontru kien necessarju peress illi l-partijiet kien qed ikollhom id-diffikultajiet bejniethom. Dan ix-xhud jghaddi biex jiddeskrivi l-attegjament li kien jiehu fil-konfront tal-familja tieghu l-konvenut. Jghid illi huwa u martu kienu xtraw il-bank tal-kcina lill-attrici u jispjega kif darba fost l-ohrajn meta kienu marru fid-dar matrimonjali tal-kontendenti, kienu sabuh imkisser. Jghid ukoll illi huwa xtara *cooker* ghall-attrici.

Xehdet ukoll **Emanuela Saliba**, omm l-attrici. Hija semmiet okkazjoni fejn bintha kienet qalet lilha u lil omm il-konvenut illi l-istess konvenut kien gidimha fuq mohhha. Din ix-xhud ukoll tiftakar okkazjoni fejn rat lill-bintha bi "*black eye*". Tghid ukoll din ix-xhud illi "*meta kien jigi ghadna jiena qatt ma rajthom jiggieldu, izda hu meta kien ikun hemm hekk ma kien ikellem lil hadd u sahansitra meta kien ipoggi, kien ipoggi ma' l-art u mhux fuq is-siggu*". Omm l-attrici issemmi ukoll il-fatt illi meta kienet telghet il-Qorti ma' bintha l-attrici, hija kienet rat lill-konvenut ma' mara b'xaghra isfar.

Fis-seduta tal-5 ta' Lulju, 1999 **xehed il-konvenut** in subizzjoni. Il-konvenut jghid illi huwa jahdem ghal rasu fl-

iddisinjar tal-madum u jahdem fil-granit. Huwa jaghmel dan ix-xoghol fil-fabbrika ta' missieru. Il-konvenut jhallas mitt lira Maltin (Lm100) fis-sena kera lill-missieru. Il-konvenut jghid ukoll illi huwa ghandu dhul ta' tlett elef u/jew tlett elef u hames mitt lira fis-sena bejn wiehed u iehor. Jzid jghid illi huwa ghandu vettura tat-tip Volvo u zewg snieter.

Dwar proprjeta` jghid illi huma ghandhom id-dar matrimonjali u cjoe` dak li hemm Birkirkara u post li ghalkemm ghamlu xi xogholijiet fih il-kontendenti, kien jappartjeni lill-missieru. Meta gie mistoqsi kemm kienu l-ispejjez li huma nefqu fuq dan it-tieni post, il-konvenut jghid illi huma ma kienu nefqu xejn u kien hallas kollox missieru. Dwar id-dhul tieghu dan ix-xhud jghid illi huwa jhalli kollox f'idejn l-*accountant* tieghu. Dwar id-dar matrimonjali taghhom u cjoe` dik li hemm Birkirkara, il-konvenut jghid illi l-mara kienet harget hamest elef lira Maltija (Lm5,000) u huwa kien hareg elfejn lira Maltija (Lm2,000). Sussegwentement huwa kien ghamel xi xogholijiet fiha b'madwar tlett elef lira Maltija (Lm3,000).

L-istess konvenut xehed bil-procedura ta' l-affidavit, liema affidavit jinsab esebit a fol. 278 *et seq.* tal-process. Il-konvenut jibda biex jghid illi "*hafna mill-inkwiet li kelli ma' marti*" kien gej mill-genituri ta' l-attrici. Izid jghid illi hafna mill-inkwiet inqala' wara t-twelid ta' binthom, Abigail. Jkompli jispjega illi meta huwa kien jirritorna lura d-dar, wara gurnata xoghol, huwa kien isib lil bitnu mimlija "*hmieg*" u b'hekk kien jispicca jiehu hsiebha u jnaddafha huwa. Skond il-konvenut, meta kien jitlob spjegazzjoni ta' dan lil martu, hija kienet tghidlu biex ma jindahalx u kienet tkellmu "*b'tonalita` harxa*".

Jghid ukoll illi kull meta kienu jmorru d-dar tal-genituri tieghu, l-attrici kienet tghidlu sabiex ma jhalli lil hadd jerfaha lil binthom halli "*ma tidrax l-idejn*". Il-konvenut kien jiddispjecih ta' dan il-fatt u dan peress illi l-genituri tieghu kienu jixtiequ li jerfghu u jzommu l-ewwel neputija taghhom. Din is-sitwazzjoni, skond il-konvenut, kienet applikabbli ghal familtu biss.

Il-finanzi tal-familja, jghid il-konvenut, kienet tiehu hsiebhom l-attrici. Fil-fatt huwa kien jaghtiha l-flus kollha u kienet l-attrici li tuzahom ghall-hajja tal-familja jew inkella sabiex tpoggi xi ftit minnhom il-bank. Jghid il-konvenut, illi meta kien jistaqsi lill-attrici kemm kellhom flus il-bank, hija kienet tghidlu li din ma kienitx bicca tieghu. Sussegwentement, l-attur beda jaghtiha erbghin lira Maltin (Lm40) fil-gimgha mis-somma li kien jippercepixxi bhala paga u cjoe` mill-ammont ta' sitta u hamsin lira Maltin (Lm56). Gara izda, illi skond il-konvenut, martu l-attrici kienet "*tibda tghajjat u twerzaq kemm tiflah qisni ghidtilha xi haga hazina, u jiena bqajt li mhix bicca tieghi sabiex inkun naf kemm hemm flus depozitati l-Bank!*".

L-attur jghid ukoll illi xi sena wara li kienu zzewgu, l-genituri tieghu kienu ddecidew illi jaghtuh post sabiex il-familja tieghu tkun tista' tmur tirrisjedi fih, izda peress illi huma kienu intebhu bin-"*natural vjolenti u xejn stabbli ta' l-attrici*", huma baqghu ma ttrasferrewx dan il-post.

Il-konvenut jilmenta mill-indhil li kien jigi ipprattikat mill-genituri ta' l-attrici fil-hajja taghhom. Isemmi bhala ezempju l-fatt meta l-attrici riedet li l-konvenut ibajjad id-dar matrimonjali taghhom, izda hu ghal xi raguni jew ohra ma riedx jew ma setax. Jghid illi l-attrici baqghet sakemm gieghlet lill-missierha jcempillu halli jkun jista' jikkonvincih halli jbajjad id-dar, kif effettivament, jghid il-konvenut, ghamel.

Il-konvenut jilmenta ukoll mill-fatt illi l-attrici ma kienitx taf tiehu hsieb it-tfal taghhom. Jghid illi fis-shana tas-sajf, hija kienet tlibisshom hafna hwejjeg u b'hekk kienu jhossu s-shana.

Il-konvenut jilmenta ukoll mit-tisjir ta' l-attrici u dan fis-sens illi hija dejjem kienet issajjar izjed milli kien imissha u li l-ikel kien ikun dejjem l-istess "*qali, ghagin u brodu*".

Dwar il-hasil tal-hwejjeg jghid illi l-attrici kienet tesagera ukoll f'dan ir-rigward. Fil-fatt jghid illi l-attrici kienet timla l-*washing machine* aktar milli kienet tiflah. Jekk per

ezempju kienet tiflah hames (5) *kilos*, hija kienet timliha b'ghaxar (10) *kilos*, u b'hekk il-*washing machine* ma kinitx iddur u kienet tigrilha l-hsara.

Il-konvenut jilmenta mill-fatt illi l-attrici kienet teskludih mill-hajja tat-tfal taghhom, bhala ma kien jigri meta l-partijiet fil-kawza kienu jixtrulhom ir-rigali. Huwa kien qed jirreferi ghal fatt illi fuq ir-rigali kien ikun hemm biss isem l-attrici u mhux ismu ukoll.

Il-konvenut jghaddi mbaghad biex jispjega r-raguni tieghu ghala martu kienet marret fid-Dar Merhba Bik. Huwa jghid illi meta missieru kien qallu sabiex imur jahdem fil-fabbrika tieghu, huwa kien iddecieda li jitlaq minn ma' l-imghallem li sa dak iz-zmien kien ghadu jahdem mieghu u jarma ghal rasu. Jghid illi "*tlaqt biex narma ghal rasi u meta marti rat hekk, hi marret Merhba Bik*". Jghid illi huwa ma kienx jaf fejn dan il-post jinsab u ghal liema raguni kienu jmorru n-nisa hemmhekk. Kellu jispjegalu l-kuntistabbli li sab l-Ghassa meta mar jaghmel rapport dwar l-ghibien ta' martu u uliedu mid-dar matrimonjali illi f'din id-dar kienu jmorru nisa li kienu jissubixxu vjolenza fuqhom. L-ghada li kienet marret Merhba Bik, l-attrici irritornat lura fid-dar matrimonjali. Meta l-konvenut kien staqsiha l-ghala hija kienet marret hemmhekk, hija kienet qaltlu li kienet ghamlet hekk minhabba s-swat li hija kienet qeghda tissubixxi minghandu. Dwar dan il-konvenut jghid illi "*jiena naf fic-cert li qatt u qatt ma erfajt sebgha wiehed fuqha*".

Il-konvenut jghid illi xi ftit tal-granet wara, l-attrici regghet marret Dar Merhba Bik. L-ghada, huwa kien ircieva xi dokumentazzjoni mill-Qorti u fil-fatt wara li kienu inbdew dawn il-proceduri, huwa nghata access ghal uliedu minuri u dan peress illi l-attrici ma kienitx qed thallih jarahom. Wara dawn l-episodji, il-partijiet regghu irrikonciljaw u regghu marru jghixu lura fid-dar matrimonjali bhala familja.

Il-konvenut jispjega illi martu l-attrici dejjem kienet tingurjah ma' shabu u ma' familtu billi kienet tghidilhom illi huwa kien isawwatha, kien jahqarha u kien ihalliha bla flus. Jghid illi minhabba dan il-kliem, huma ma baqghux johorgu mal-hbieb taghhom u li ma setghux jkollhom

hbieb. Jghid il-konvenut illi *"dejjem xerdet, ma' kwazi kull persuna ta' Birkirkara, li jiena kont nahqarha, meta jiena naf fic-cert li qatt ma missejta b'dak il-mod li kienet qed tghid lil kulhadd".*

Il-konvenut jsemmi okkazzjoni fejn meta huwa kien id-dar u daqq it-telefon. Il-persuna li kellmitu kienet ragel u dan staqsa ghall-attrici. Huwa jghid illi qabel ma pogga t-telefon f'postu huwa sema' lill-martu u lil dan ir-ragel u baqa mistghageb b'dak li sema'. Meta huwa ikkonfronta lil martu dwar dan, hija innegat kollox. Qalilha ukoll illi *"jekk naqbadha f'xi haga kont inkun hafna irrabjat u ma kontx ser nahfrilha ta' malajr".* Xi gimghatejn wara dan l-episodju, l-konvenut ircieva ittra, li wara li fetaha, irrizulta li kien hemm kliem dispregjattiv fil-konfront tieghu. Meta talab spjegazzjoni lill-attrici, hija qaltlu li ma kien hemm xejn u dan l-episodju waqaf hemm.

Il-konvenut jghid illi l-attrici qeghda tahdem mal-"*Unique Travels gewwa l-Belt Valletta, tahdem part-time tahsel lin-nies, u li tiehu mis-Social Services*". Izid jghid illi "*waqt li l-mara tieghi taghmel dan kollu lit-tfal taqfilhom mas-sorijiet*". Dwar il-minuri ahwa Colombo, il-konvenut jghid illi "*meta jkun Jum il-Missier, it-tifla tibghatli kartolina bil-mohbi ta' ommha ghax jekk issir taf b'dan ittiegha xebgha*".

Il-konvenut fil-paragrafu numru wiehed u erbghin (41) ta' l-affidavit tieghu jghid illi "*darba minnhom, meta kelli l-access tat-tfal, mort biex nghannaq lit-tifla tieghi, imma din ingibdet lura u qaltli 'ajma Daddy!!'.Jiena ghollejtilha l-flok biex nara ghalfejn it-tifla kienet qed tikkomplejnja. Insib, li Abigail kellha tbengil fuq darha u ftit fuq wicca. Bhala evidenza jiena nista sahansitra nuri ritratti li jiena stess kont hadt lil binti li kienet tinsab f'dak l-istadju. Kont ikkoncernat hafna fuq din il-bicca u ma hallejtx hin jghaddi u b'hekk hadtha dritt il-polyclinic fejn ghamlulha certifikat li kont hadt immedjatament l-Ghassa tal-Pulzija*".

Il-konvenut jghid illi huwa kien ipprova jaghmel minn kollox sabiex jsalva dan iz-zwieg u kien anke sahansitra mar ghand *marriage counsellor*.

Wara xi sentejn li l-konvenut telaq mid-dar matrimonjali, huwa iltaqa ma' Charmaine Bray u wara xi zmien bdew johorgu flimkien.

Il-konvenut jghid illi l-attrici gieli harget bil-lejl b'dan illi kienet thalli lit-tfal reqdin wahedhom.

Finalment, il-konvenut fl-affidavit tieghu jghid illi "*jiena kull ma irrid huwa li taghtini lura d-deheb tieghi li jikkonsistu f'curkett tat-tieg, gizirana bis-salib u ittra "C" maghhom, gizirana hoxna b'wicc ta' kurcifiss u l-gageg ta' l-ghasafar li kienu jiswew mitejn lira Maltin (Lm200) u li jiena kont xtrajt qabel iz-zwieg, anke jekk sirt naf minghand it-tfal li dawn diga sabu posthom ghand xi wiehed mil-hbieb maskili taghha. Jekk ma tridx li taghtihomli lura allura jiena nippretendi li izzommhom biss terga taghtini lura c-cappetta bil-lucky charms li kont tajtha jiena u li tiswa mija u sebghin lira Maltin (Lm170)*". Dwar il-minuri, ahwa Colombo, jghid illi "*nixtieq ukoll li niehu lit-tfal u li inrabbihom jiena f'hajja sewwa u ta' familja maghquda u mhux fejn it-tfal huma esposti ghal hafna dagha. Nixtieq li jkunu ma' familja, u mhux dejjem gejjin u sejrin mill-istitut – dan mhux xieraq jew sewwa ghat-tfal tieghi ma jixirqilhomx. Mhux sewwa li tfal hekk zghar jaraw lil ommhom ma' rgiel dejjem differenti. Mieghi zgur li jitrabbew sewwa u m'ghandhomx ghalfejn jisimghu lil ommhom tghid kontrija, jew lil xi membru tal-familja taghha jidghu jew lin-nannu Ganni jghidilhom li sejjer jisparali jew jaghtini xi daqqa ta' sikkina u jibghat jghajjarni... Dan m'ghandux jibqa hekk: it-tfal m'ghandhomx jghixu f'hajja bhal din*".

Xehedu ukoll permezz tal-procedura ta' l-affidavit **Joseph** u **Margaret konjugi Colombo**, liema affidavit jinsab esebit a fol. 301 *et seq*. tal-process.

Huma jibdew biex jghidu illi huma "*bhala genituri ta' Christopher, dejjem ippruvajna naghtuh l-ghajnuna li stajna intuh u anke lil martu Doreen, izda din ta' l-ahhar dejjem qisa irrifjutat, ghalkemm bil-pulit, din l-ghajnuna li ahna offrejnilhom*".

Omm il-konvenut tghaddi biex tirrakkonta diversi episodji li permezz taghhom l-attrici kienet turiha li ma kienitx kuntenta bil-prezenza taghha jew bir-rigali li kienet taghti lit-tfal tal-kontendenti. Tghid din ix-xhud illi "*minn taghna qatt ma riedet xejn – kien ovvju l-attegjament taghha f'dan ir-rigward. Li konna naghtuha hija kienet tarmih. Niftakar meta fl-Ghid kont xtrajt lit-tfal figolla kull wiehed u hija kienet remithom it-tlieta fid-dust bin u tghidx kemm bkew it-tfal*".

Dwar it-trasferiment tal-proprjeta` li kienu ser jaghmlu l-genituri tal-konvenut lill-konjugi Colombo, din ix-xhud tghid illi "*ir-ragel tieghi u jiena konna disposti li nassenjaw lit-tifel Chris biex imbaghad huwa jkun jista jirrisjedi fih mal-familja tieghu. Diga` konna wasalna fl-istadju ta' gebel u saqaf waqt li konna qeghdin inhajju biex nassenjaw dan il-post lil Chris. Pero`, kif qeghda nirrakkonta, it-tendenzi vjolenti tal-mara ta' Chris, ma ippermettitilniex li inkompli b'dan il-process, billi kien evidenti li l-ossessjonijiet, l-eccentricizmu u l-imgieba fizikament u psikologikament stramba taghha ma kienx se jaghmilha possibbli li dan iz-zwieg kien sejjer ivinci*".

Margaret Colombo qalet ukoll illi "*l-attrici ghandha relazzjoni konkreta ma terzi persuni, billi mhux l-ewwel darba inkun sejra biex naghmel vista fil-Parocca ta' San Pupulju, u narha hemm hierga mix-xoghol, jew gejja mix-xoghol, titbissem lil wiehed li jkun f'van abjad, imbaghad tidhol hdejh*".

Dwar it-tfal tal-kontendenti, din ix-xhud tghid illi "*lil Rodney, lit-tifel iz-zghir, ahna qatt ma rajnieh. Mhux l-ewwel darba ukoll li Chris jigi jghidilna (apparti li ahna nindunaw) kemm beka t-tifel meta hu jmur biex igib lil hutu l-ohra. Meta nisimghu b'dan, tista timmagina kif qalbna tkun ser tinqasam*".

L-affidavit tal-konjugi Colombo, (il-genituri tal-konvenut) fl-affidavit taghhom jikkritikaw bis-shih il-mod kif l-attrici kienet iggib ruhha fil-konfront tat-tfal u kif din kienet tiehu

hsiebhom jew ahjar in-nuqqasijiet taghha fir-rigward tal-minuri uliedha.

Xehdet bil-procedura ta' l-affidavit **Charmaine Bray**, liema affidavit jinsab esebit a fol. 310 *et seq.* tal-process. Hija tibda biex tghid illi hi bdiet tohrog mal-konvenut fil-25 ta' Settembru, 1998. Jirrizulta mit-tieni paragrafu taghha illi hija kienet tkun prezenti waqt li l-konvenut kien ikun qieghed jipprattika l-access tieghu. Hija tghid illi meta bdew johorgu flimkien, il-konvenut kien assiguraha illi huwa kien ilu jghix ghand ommu ghal madwar sena u hames xhur.

Din ix-xhud tghid illi kull meta hija inzertat lill-attrici u kien ikun hemm prezenti l-konvenut maghha, l-attrici kienet taqla' hafna ncidenti apparti li kienet tinsulentaha b'dak kollu li jigi f'halqha.

Charmaine Bray tghid ukoll illi "*jiena sirt naf lit-tfal iktar mill-qrib. Tant huma helwin dawn l-imberkin tfal u m'ghandek xejn minnhom. Ingbidna lejn xulxin u mhux l-ewwel darba li t-tfal jghiduli kemm jixtiequ li jiena kont l-mummy taghhom*".

Hija tghid ukoll illi kien hemm okkazjonijiet fejn il-minuri kienu jghidulha xi kliem oxxen li l-attrici kienet tghid lill-istess tfal minuri.

Xehdet ukoll **Rose Sammut**, *counsellor* ma' l-Assistenza Socjali ta' l-Azzjoni Kattolika. Hija tispjega illi l-konvenut kien mar ghandha u kien jghidilha illi huwa xtaq jirrikoncilja mal-mara tieghu. Mistoqsija dwar x'evalwazzjoni taghti lill-konvenut bhala missier, din ix-xhud tghid illi "*jiena nahseb li hu missier li jhobbhom it-tfal u jixtieqhom it-tfal, u qed jaghmel minn kollox biex igawdihom, u l-ikbar raguni tar-rikonciljazzjoni ghax jixtieq igawdi t-tfal*".

Xehed ukoll **Arthur Cassar** rapprezentant tal-Bank of Valletta plc xehed illi kien hemm zewg kontijiet bankarji fuq isem il-konvenut, Christopher Colombo. Wiehed *savings* bin-numru 16701646016 u iehor kurrenti bin-

numru 16701646029. Fl-ewwel kont kien hemm bilanc sat-30 ta' Dicembru, 2000 ta' sitt liri Maltin u seba` u erbghin centezmu (Lm6.47). Fl-ahhar kont, sat-30 ta' Marzu, 2001 kien hemm bilanc ta' erba` mija u erba` u erbghin lira Maltija u sitta u ghoxrin centezmu (Lm444.26).

Illi fis-seduta mizmuma quddiem il-Qorti nhar it-23 ta' Ottubru, 2003 xehdet **Graziella Schembri**, *residential Social Worker* mas-St. Patrick's. Hija tibda' biex tghid illi Christopher – li iddahhal fil-programm tas-St. Patrick's – kien ghadu ma derax is-sistema u cjoe` li jghix 'il boghod mid-dar. Hija tghid ukoll illi Christopher kien qieghed jibza illi jekk huwa ma jkunx id-dar, ommu kienet tigrilha xi haga. Meta l-Qorti staqsiet lil din ix-xhud jekk il-minuri qattx ilmenta maghha, jew fetah qalbu maghha dwar dawn il-bizat u x'tip ta' bizghat huma, hija tistqarr illi Christopher kien jibza' illi missieru kien ser jaghmel xi haga lill-ommu. Issemmi bhala ezempju, okkazjoni fejn l-attrici kienet *pregnant* u huwa ra lil missieru, l-konvenut jippunta s-senter lejn zaqqha. Din ix-xhud tghid illi l-minuri, Chris, jixtieq johrog mis-St. Patrick's u jmur jghix ma' ommu.

Illi fl-istess seduta tat-23 ta' Ottubru, 2003 xehdet **Maria Testa**, *Social Worker* ma' l-Ufficju Djar tat-Tfal. Tghid illi hija bdiet isegwi lit-tfal mill-1998. Hija tghid illi kienet hi u xi professjonisti ohra, inkluza l-attrici, li hadu d-decizjoni li l-minuri, Christopher, imur is-St. Patrick's. Din ix-xhud tghid illi Christopher gie *diagnosed* bhala li ghandu *Attention Deficit Hyperactivity Disorder* (ADHD). Hija tghaddi biex tghid ukoll illi hi ghadha qed issegwi l-andament tal-minuri, Christopher, gewwa s-St. Patrick's u tghid illi l-istess minuri jhoss illi huwa ghamel progress. Meta giet mistoqsija jekk it-tifel weriex xi xewqa partikulari maghha fejn jixtieq jmur jghix, hija qalet illi t-tifel jixtieq jmur jghix ma' ommu. Din ix-xhud tghid illi l-omm kellha bzonn ghajnuna ghax ma bdietx tikkopja mat-tfal u kellha bzonn l-ghajnuna. Meta din ix-xhud giet mistoqsija jekk ikunx iktar utili ghall-minuri li jmur jghix mal-missier u l-missier jiehdu l-iskola huwa filghodu, minflok ma l-minuri, Christopher, jorqod fl-istess skola, din ix-xhud tghid illi din id-decizjoni li l-minuri jkollu *residential programm* fl-iskola

St. Patrick's ittiehdet ukoll wara li gie mistoqsi lill-minuri jekk huwa jixtieqx imur jghix ma' missieru. Ir-risposta tal-minuri kienet fin-negattiv u cjoe` li ma jixtieqx li jmur jghix ma' missieru.

**<u>(II) APPREZZAMENT TAL-PROVI.</u>**

Illi din il-Qorti ser tghaddi biex tezamina l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut li titkellem dwar *"in-nullita ta' l-avviz ghas-smigh tal-kawza odjerna peress li l-Awla hija ndikata bhala "X", meta l-ebda Awla "X" ma tezisti fil-Qrati Superjuri, u ghalhekk a bazi ta' sentenza moghtija ricentement mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, tali avviz huwa null u ghandu jerga jigi notifikat mill-gdid lil konvenut wara li jkun indikat fih l-Awla preciza li fih sejra tinstemgha din il-kawza odjerna".*

Illi s-sentenza li ghaliha qed jirreferi l-konvenut fin-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu, ghalkemm ma hemm l-ebda referenza ghalija f'dik l-istess nota ta' l-eccezzjonijiet, hija dik li inghatat mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Ottubru, 1998 fl-ismijiet **"Alfrida Borg et vs Carmen Camilleri et"**. Illi l-fatti speci ta' dan il-kaz ma humiex l-istess bhal ta' din il-kawza li ghada kif giet indikata mill-Qorti. F'din il-kawza hawn appena citata, il-konvenuti, li ukoll kienu ppatrocinati minn Dr. Emmy D. Bezzina ma kienux dehru quddiem il-Qorti fid-9.00a.m. u peress illi kienet kawza hekk imsejjha "giljottina", din il-Qorti, kif diversament ippreseduta iddecidiet il-kawza dak il-hin stess. Fir-rikors ta' l-appell taghhom il-konvenuti Camilleri kienu issottomettew illi huma fittxew l-Awla "X" izda ma kienux sabuha, u meta fid-9.20a.m. kienu dahlu quddiem din il-Qorti kif preseduta mill-Onorevoli Imhallef Frank G. Camilleri, flimkien mad-difensur taghhom huma sabu li l-kawza taghhom kienet diga` giet deciza. Illi fis-sentenza taghha, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, dwar il-punt imqanqal fl-ewwel eccezzjoni odjerna kienet qalet illi:-

*"M'hemmx dubju li l-mozzjoni - ara Dok. "CC1" fol. 8 tal-process (kopja annessa mar-rikors ta' appell) kienet turi u tidderiegi lill-konvenuti biex fid-data msemmija huma jidhru "fl-Awla X" quddiem l-Onor Imhallef Frank G.*

*Camilleri LL.D. Illi huwa risput li ebda awla fil-Qrati Superjuri ma hija ndikata bl-ittra X. Konsegwentement, ghalkemm gie indikat isem il-gudikant, xorta wahda jirrizulta li l-indikazzjoni ta' l-awla fejn suppost kellhom jidhru l-konvenuti kienet wahda manifestament zbaljata ghaliex inezistenti. Dan id-difett ta' forma fl-avviz ghas-smiegh tal-kawza jassumi gravita` akbar trattandosi ta' procedura specjali a tenur ta' l-artikolu 167 et sequitur tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) fejn il-procedura tista', fil-kazi kongruwi, titmexxa bid-dispensa tas-smiegh normali tal-kawza - kif effettivament gara f'dan il-kaz. Illi ghalhekk, ma jistax jinghad li l-konvenuti inghatalhom smiegh xieraq ghaliex it-taghrif fil-mozzjoni surreferita kien zbaljat u dan l-izball kien bizzejjed biex jirrendi l-procedura kollha relativa nulla u bla effett legali".*

Konsegwentement, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell iddikjarat dik is-sentenza nulla u bla effett u regghet irrimettiet l-atti lura quddiem din il-Qorti, kif diversament preseduta, sabiex tinstema u tigi deciza mill-gdid.

Illi fil-kaz odjern, il-fatti ta' din il-kawza, kif diga` nghad, ma jistghux jinghadu li huma simili ghal dak il-kaz hawn fuq citat. Illi din il-Qorti ma hijiex ser tilqa' din l-eccezzjoni u dan ghal diversi ragunijiet fosthom illi l-konvenut li dak iz-zmien kien patrocinat minn Dr. Emmy D. Bezzina kien prezenti ghall-ewwel dehra li kien hemm quddiem il-Qorti u cjoe` dik tal-25 ta' Frar, 1999. Jigifieri l-konvenut kien jaf fejn kellu jidher u quddiem minn kellu jidher. *Oltre* dan il-konvenut inghata opportunita` sabiex iressaq il-provi tieghu f'dan il-kaz, apparti ukoll illi huwa ressaq in-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu ghat-talba ta' l-attrici u ressaq ukoll il-kontro-talba relattiva. Il-konvenut ma jistax jilmenta illi huwa b'xi mod gie pregudikat il-ghaliex l-indikazzjoni li kien hemm fuq l-avviz tas-smigh kien jindika l-Awla bl-ittra "X". Minkejja dan, ghandu jinghad bla tlaqliq illi huwa d-dmir tar-Registratur ta' dawn il-Qrati illi jara li meta jkun hemm avvizi ghas-smigh quddiem din il-Qorti dawn ghandhom jindikaw dik l-Awla fejn jkun ser jinstema l-kaz. Ma ghandux jippretendi illi c-cittadin illi jutilizza s-sistema gudizzjarja ghandu jkun jaf fejn tkun l-awla li fiha qieghed jahdem l-Imhallef li quddiemu ghandu jinstema' l-kaz

tieghu. Il-fatt li Awla tigi indikata b'ittra "X" meta din l-Awla ma tezistix iktar ittellef lin-nies milli tghinhom.

Illi deciz dan il-punt preliminari, jmiss issa li jigu decizi t-talbiet attrici fid-dawl ta' l-eccezzjonijiet imqanqla mill-konvenut, *oltre* li jridu jigu ukoll decizi t-talbiet imressqa mill-konvenut fil-kontro-talba tieghu u dan fid-dawl ta' l-eccezzjoniet imqanqla mill-attrici.
Illi l-attrici fl-ewwel talba taghha qeghda titlob illi din il-Qorti *"tiddikjara li l-hajja konjugali bejn il-partijiet ma hiex aktar possibbli tort tal-konvenut"*. Il-konvenut minn naha tieghu, u dan skond ma jirrizulta minn nota ta' eccezzjonijiet tieghu u fil-kontro-talba jakkolla l-htija ghat-tfarrik taz-zwieg fuq martu l-attrici. Huwa difatti jghid illi *"l-hajja konjugali bejn il-partijiet m'ghadhiex aktar possibbli imma tort unikament ta' l-attrici minhabba d-deportament xejn civilizzat u nstabbli taghha". Oltre* minn hekk addebita fil-konfront ta' l-attrici ukoll l-eccessi, l-mohqrija, it-theddid jew offizi gravi kontrih jew kontra xi wiehed mill-ulied minuri, ahwa Colombo. Stqarr ukoll illi l-hajja konjugali m'ghadhiex aktar possibbli billi dan iz-zwieg illum tkisser irrimedjabbilment minghajr l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.
L-attrici fin-nota ta' eccezzjonijiet taghha ghall-kontro-talba ta' l-attur dwar dan il-punt terga' tirribadixxi l-pozizzjoni taghha u tghid illi dan iz-zwieg tfarrak tort tal-konvenut.

In linea generali l-Qorti taghmel referenza ghal dak li inghad fis-sentenza fl-ismijiet **"Elisa Thompson vs Edward Thompson"** moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Mejju, 1925 u cjoe` li:-

"*perche il coniuge offeso possa domandare la separazione contro il coniuge colpevole non e` necessario che concorrono gli eccessi, le sevizie, le minaccie, e le ingiurie gravi, ma qualunque di tale cause da sola basta, perche` sia tale da violare profondamente i riguardi della convivenza coniugale*".

Hekk ukoll jinghad fis-sentenzi ripportati fil-volum **Vol. XLVI P II p 638** meta jinghad illi:-

*“hu bizzejjed li tikkonkorri wahda biss minnhom ghax din jekk pruvata hi bizzejjed biex tiggustifika t-talba ghas-separazzjoni" (**Vol. XLVI P II p 638**), "purche sia tale da violare profondamente i riguardi della convivenza coniugali" (**Vol. XXVI P II p 110**);*

Inghad ukoll fil-kawza fl-ismijiet **“Caterina Agius vs Benedict Agius”**, deciza mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Gunju 1967 illi:-

*“Il-ligi tqieghed bhala motivi li jiggustifikaw l-azzjoni l-episodji saljenti tal-hajja konjugali u mhux incidenti ta' importanza minuri".*

In*oltre*, kif qalet l-Onorabbli Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **“Giovanna Rosa Farrguia vs Salvatore Farrugia”** deciza fis-7 ta' Marzu 1919:-

"*La prova consentita dall'articolo 577 del Codice di Procedura Civile (*illum Artikolu 565 tal-Kapitolu 12*) e` da accogliersi colla medesima cautela e cirospezione, dipendendo la sua efficacia principalmente dalle deduzioni che una sana critica, tenuto conto dell'interesse manifesto del deponente, puo` inferire dalla verosimiglianza del racconto, della corroborazione di quella prova e sopra tutto dal confronto della deposizione di ciascuno dei contendenti; ma e` pur vero che in casi simili alla fattispecie i fatti su cui puo` raggirarsi la deposizione del coniuge instante per la separazione personale dall'altro coniuge, si svolgono generalmente entro il segreto delle pareti domistiche ...*"

Illi *‘n vista* ta’ dak li ghadu kif inghad, il-Qorti trid necessarjament tkun gwidata mill-provi prodotti quddiemha u taghtihom dak il-piz li hu normalment mistenni f'sitwazzjonijiet ta' din in-natura. Apprezzament dan oggettiv u fattwali, mizurat mic-cirkostanzi tal-kaz partikolari;

In *oltre*, ghalkemm din hija kawza ta’ separazzjoni personali, xorta huma, u ghandhom ikunu applikabbli

f’kazijiet bhal dawn principji legali civili bhal dawk dwar kredibilita u verosomiljanza.

Jinsab ravvizat fid-decizjoni fl-ismijiet **“Farrugia vs Farrugia”** deciza minn din il-Qort fl-24 ta’ Novembru, 1966 li:-

“*l-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita u specjalment dawk tal-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f’kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant*”.
Illi fil-kawza fl-ismijiet **“George Bugeja vs Joseph Meilak”** (P.A. (TM) deciza minn din il-Qorti, kif diversament ippreseduta fit-30 ta’ Ottubru, 2003 inghad illi:-

“*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta’ azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta’ dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli*”.

In *oltre*, fis-sentenza **“Farrugia vs Farrugia”** hawn fuq citata inghad illi:-

“*mhux kwalunkwe tip ta’ konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f’dak l-istat ta’ perplessita li minhabba fih ma tkunx tista tiddeciedi b’kuxjenza kwieta u jkollha taqa’ fuq ir-regola ta’ in dubio pro reo*”.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Aquilina vs Farrugia"** deciza minn din il-Qorti, kif diversament ippreseduta fit-28 ta' Gunju, 2001 inghad illi:-

"*fil-fatt huwa wkoll principju assodat fil-gurisprudenza taghna illi l-verosomiljanza hija forma ta' korroborazzjoni*".

Jinghad ukoll illi l-komportament tal-partijiet quddiem min ghandu jiddeciedi huwa fattur ukoll importanti sabiex wiehed jara jekk dak li xhud ikun qieghed jghid ghandux mis-sewwa jew le.

Mill-assjem tal-provi, anki dawk dokumentarji, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-attrici irnexxilha tipprova illi l-konvenut huwa bniedem ta' natural vjolenti u rrizulta ukoll illi l-istess konvenut kien ta' spiss jsawwat lill-martu l-attrici. Jirrizulta ukoll illi fil-15 ta' Mejju, 1996 il-konvenut kien instab hati mill-Qorti tal-Magistrati fejn gie ikkundannat ammenda ta' hames liri Maltin (Lm5) talli fil-21 ta' April, 1996 ghall-habta tat-8.30a.m. waqt li kien fi Triq il-Herba, Birkirkara, volontarjament kiser il-bon-ordni u l-paci pubblika b' ghajjat u glied *oltre* li qal kliem oxxen u kliem hazin iehor li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku u aktar talli insulenta u immalafama lill-martu, Maria Dolores Colombo.

Illi mix-xhieda prodotti mill-attrici rrizulta illi dawn kienu ta' spiss jaraw sinjali ta' vjolenza fuq l-attrici, bhal tbengil u marki ohra simili. Illi dawn ix-xhieda ma gewx ikkontro-ezaminati u lanqas qatt ma gew kontradetti fix-xhieda taghhom. Ma irrizultax pero` li dawn ix-xhieda prodotti qatt raw b'ghajnejhom lill-konvenut isawwat lill-attrici. Pero` dawn ix-xhieda kollha jghidu illi meta kienu jistaqsu lill-attrici x'kien gralha u minn kien ghamlilha dawk it-tbengil hija dejjem qalet li kien zewgha.

Illi l-konvenut permezz tax-xhieda tieghu u tal-genituri tieghu jipprova jaghti stampa kemmxejn differenti minn din il-konkluzjoni li ghada kif waslet ghaliha l-Qorti. Ix-xhieda mressqa mill-konvenut u senjatament ix-xhieda moghtija mill-istess konvenut u mill-genituri tieghu lkoll jipprovaw jaghtu stampa differenti minn dik allegata mill-attrici. Il-Qorti pero` ma thossx li l-verzjoni tal-konvenut u x-xhieda

minnu prodotti huma kredibbli u fic-cirkostanzi lanqas huma versosimili, u ghalhekk din l-istess Qorti ma taqbilx mal-verzjonijiet mressqa minn dawn ix-xhieda.

Illi fil-fatt jekk wiehed ihares dak li xehdu il-genituri tal-konvenut ma jirrizultax li kien hemm oggett wiehed hazin li huma raw fil-konfront ta' binhom il-konvenut. Il-Qorti tifhem illi ftit huma dawk il-genituri li ma humiex disposti li jaghmlu minn kollox ghal uliedhom, pero` dan ma jfissirx illi dan ghandu ukoll jinkludi li ma jghidux il-verita` kollha. Il-Qorti meta thares lejn l-affidavit ta' l-istess persuni ma tistax temmen li l-istess genituri ta' l-attur qatt ma raw lill-attrici bit-tbengil illi kien ikollha u qatt ma staqsewha biex kienet ghamlithom. Dawn il-fatti l-genituri tal-konvenut ma jsemmuhomx. Pero' fuq kollox, wara li din il-Qorti rat l-process kollu li fih mas-seba' mitt (700) faccata, u mill-assjem tal-provi, hija aktar minn konvinta bil-verzjoni kif prezentata mill-attrici u mix-xhieda prodotti minnha. Illi ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma illi dan iz-zwieg tkisser minhabba din l-attitudni ta' vjolenza li l-konvenut ha fil-konfront ta' martu l-attrici, u minhabba sevizzi, eccessi, theddid, u ngurji gravi fil-konfront taghha, tant li kawza ta' l-istess iz-zwieg tkisser irremedjabbilment, u wkoll minhabba r-relazzjoni adultera tal-konvenut.

Illi ghalhekk mill-provi prodotti rrizulta illi l-konvenut huwa hati ta' sevizzi, vjolenza u mohqrija skond il-ligi. Gie ritenut minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **"Lea Tabone pro et noe vs Jesmond Tabone"** deciza fit-2 ta' Ottubru, 2003 illi "*jkun hemm sevizzi meta dawn ikun "abituali o almeno ripetute da rendere insopportabile la convivenza" (ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza riportata fil-Vol. IX pag. 274) u jkun hemm sevizzi meta l-agir "joffendu l-persuna li kontra taghha huma diretti b'mod li jiggeneraw fiha dulur, ezacerbazzjoni u avversjoni profonda kontra l-konjugi li jkun hati taghhom" (ara f'dan is-sens ukoll is-sentenzi riportati fil-Vol. XXXI P I p 200; Vol. XXVI P I p 246);*

Illi apparti dan kollu, jirrizulta ukoll, u dan *ex admissis*, li llum il-gurnata l-konvenut qieghed jghix f'relazzjoni ma' certu Charmaine Bray u ghalhekk iz-zwieg li kellu ma' l-attrici illum il-gurnata tkisser irrimedjabbilment.

Illi minn naha l-ohra l-konvenut jallega ukoll illi martu l-attrici ghandha relazzjoni extra matrimonjali u jsemmi lil Albert Gauci, pero` mill-provi prodotti din l-allegazzjoni ma hijiex sorretta minn provi serji u li ma jhallu l-ebda dubju f'mohh il-Qorti. Ma tressqu l-ebda provi jew indizji li huma gravi, precizi u konkordanti bizzejjed sabiex din il-Qorti tkun konvinta minn din l-allegazzjoni tal-konvenut fil-konfront ta' martu. Skond, l-**artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** *"Kull parti mizzewga tista titlob il-firda minhabba l-adulterju tal-parti l-ohra"*.

Illi kif tajjeb gie osservat minn din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, fis-sentenza taghha tas-16 ta' April, 1953 fil-kawza fl-ismijiet **"Rita Spiteri vs Avukat Dr. Albert V. Grech et noe".** (Kollez. XXXVII.II.693) l-adulterju "*hija bla dubju l-kawza l-izjed gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza s-separazzjoni personali; izda, stante d-diffikulta' tal-prova, kif turi l-assenza ta' disposizzjoni legislattiva li tillimita din il-prova, huwa ormaj pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat per mezz ta' indizji u presunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, precizi u konkordanti, b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika*" (p.694).

Illi *in vista* ta' dak li ghadu kif inghad hawn fuq fir-rigward ta' l-ewwel talba attrici, isegwi illi t-tieni talba attrici ghandha tintlaqa' ukoll. L-attrici, fit-tieni talba taghha titlob lill-Qorti illi hija tigi awtorizzata tghix separata mill-konvenut u tilliberaha mill-obbligi konjugali kollha skond il-ligi favur il-konvenut, u tiddikjara li l-konvenut iddekada mid-drittijiet konjugali kollha skond il-ligi fir-rigward ta' l-attrici. Galadarba inghad illi l-htija tal-firda tal-konjugi Colombo, hija imputabbli esklussivament lill-konvenut, allura huwa ma jistax jitlob l-ebda dritt li taghtih il-ligi a favur tieghu.

Illi f'dan l-istadju il-Qorti ser tghaddi biex tiddeciedi r-raba`, il-hames u sitt talbiet attrici qabel ma tiddeciedi t-tielet talba.

Illi l-attrici fir-raba' talba taghha, titlob lil Qorti sabiex takkordalha l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri Abigail, Christopher u Rodney ahwa Colombo.

Illi din il-Qorti kif diversament ippreseduta fil-kawza fl-ismijiet **"Susan Ellen Lawless vs Il Reverendo George Lawless"** deciza fit-8 ta' Dicembru 1858 qalet illi : "*Che la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quei provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli*".

Inghad ukoll fil-kawza fl-ismijiet **"John Cutajar vs Amelia Cutajar et"** deciza minn din il-Qorti kif diversament ippreseduta fit-28 ta' Jannar 1956, illi "*apparti l-hsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li ghandhom setgha fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in generali, il-principju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u generalment il-kwistjonijiet bhal din insorta f'dina l-kawza, huwa dak ta' l-aktar utilita' u dak ta' l-aqwa vantagg u nteress ta' l-istess minuri fl-isfond tac-cirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jigi rizolut;*

*Fil-kamp li fuqu qeghdin nitkellmu, ghalkemm il-parti umanitarja ghandha certament l-importanza taghha fir-relazzjoni tal-persuni li jkunu taw il-hajja lill-istess minuri, eppure l-istess ma ghandhiex tipprevali fuq l-interess u vantagg dirett ta' l-istess tfal; bhal ma ghandhiex ikollha fil-hajja ta' kuljum - kif l-esperjenza tghallem - prevalenza l-affezzjoni jew l-attakkament lejn persuna, anki jekk dettat minn natura, fuq id-dover impost mir-raguni fl-azzjonijiet tal-bniedem tant bhala membru tal-familja, kemm bhala membru tal-komunita li lilha jkun jappartjeni. Meta l-ghajn tar-raguni, f'xelta ta' l-azzjoni li bniedem jkun irid ta' bilfors jaghzel li jaghmel, turi dover, impellenti versu certa linea ta' kondotta, ghalkemm dik l-ghazla tkun timporta azzjoni drastika fil-kamp umanitarju, eppure dik il-hruxija ma tkunx hlief apparentement tali; in kwantokke li bilanci tal-mohh*

*id-dover, li jeleva l-bniedem, u mhux ibaxxieh, ikun ghaleb kwalunkwe konsiderazzjoni ohra li di fronti ghalieh (dover) tkun anqas tajba u anqas dinjituza;*

*Illi, fil-kaz in dizamina, jinghad li di fronti ghat-tifla in kwistjoni l-kontendenti jinsabu fuq livell ugwali ghal dak li jirrigwarda parentela u drittijiet tal-persuna li bihom huma rivestiti; b'dan pero`, li fil-kawza tal-firda l-affidament tat-tifla in kwistjoni gie moghti minn din l-Qorti, skond is-savju gudizzju taghha, lill-omm. Dina l-istess tifla, kwindi, almenu mill-annu 1950, ghexet permanentement dejjem ma' ommha, u fl-ambjent u atmosfera fejn l-istess ommha, wara l-kawza ta' separazzjoni personali, ipprexeljiet, bla ma jidher li kien hemm kontestazzjoni jew opozizzjoni mill-instanti. Minn dan jitnissel li, in kwantu ghal dak li hija edukazzjoni fis-sens lat tal-kelma, li tikkomprendi tant dik morali kemm ukoll dik religjuza, nonke' ukoll socjali, sa ma qamet il-kwistjoni odjerna l-instanti ma sab xi jghid xejn dwar il-prossimita intima tal-konvenuta ma' bintha, kif ukoll man-nies tal-familja ta' l-istess omm. Il-fatt li l-Awstralja, fejn trid tiehu maghha l-bintha l-konvenuta, huwa pajjiz mhux purament kattoliku, ma huwiex fid-dawl tal-hsieb taz-zminijiet moderni, raguni bizzejjed valida biex tissepara lit-tifla minn ommha u mill-atmosfera fejn ghexet wara l-firda personali; l-ghaliex fi kwalunkwe pajjiz, jekk ma jkunx pajjiz prettament kommunista jew ateu, jinsabu nies ta' hafna denominazzjonijiet religjuzi, u kulhadd jippratika dik ir-religjon li jidhirlu l-ahjar ghalieh; u kif ommha telletgha fir-religjon kattolika appostolika rumana hawn f'dawn il-Gzejjer, ma jidherx mill-provi li hemm xi indizju ta' provi li hija mhix sejra tkompli taghtiha dik l-edukazzjoni religjuza u morali, jew l-istess konvenuta sejra hija personalment taqleb ghal xi denominazzjoni religjuza ohra*"

Ukoll fil-kawza fl-ismijiet **"Giuseppe Scicluna vs Maria Scicluna pro et noe"** deciza minn din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, fil-31 ta' Mejju, 1958 inghad illi "*Illi l-kura tat-tfal komuni tal-mizzewgin, sew fil-ligi antika (li titkellem fuq l-edukazzjoni, terminu li ontologikament jimporta l-kura u l-amministrazzjoni tas-sustanzi taghhom (ara De Rohan Lib. III, Capo II, paragrafo XXIV), sew fil-*

*ligi vigenti (ara argument mehud mill-art. 68 Kap. 23), kif ukoll fil-gurisprudenza estera (Annali della Giurisprudenza Italiana, Volume VII, P. II, p.39,* ***Appell Lucca*** *4 ta' Settembru 1872 in* ***re Buoni utrinque****), u f'dik lokali (ara Prim' Awla Civili 8 ta' Dicembru 1858,* ***"Lawless utrinque"****, Vol. I pag. 180, kolonna sekonda (2da.) med.; Appell 26 ta' April 1867,* ***"Camenzuli vs Gatt"****, Volume IV, pagina 74, kolonna prima in fine; Prim' Awla Civili 28 ta' Jannar 1956 in re* ***"John Cutajar vs Amelia mart l-istess John Cutajar"****; u hafna ohrajn), hija regolata mill-principju ta' l-aqwa utilita' u l-akbar vantagg ghall-interess ta' l-istess tfal li c-cirkustanzi tal-kaz u l-koefficjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuggerixxu;*

*Illi, in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enuncjata ghandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewgin, sew meta l-konjugi jisseparaw ruhhom gudizzjarjament (art. 68 Kap. 23), sew meta jigu biex jisseparaw konsenswalment (ara art. 71 u 72 Kap. 23);"*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Carmela Falzon vs Paolo Falzon"** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-17 ta' April, 1959 inghad illi *"skond l-art.68, dawn jitqieghdu taht il-kustodja tal-konjugi innocenti, a meno che l-Qorti ma tordnax xort' ohra ghall-gid tat-tfal stess; cosi che l-interess tat-tfal hu r-regola sovrana"*.

U fil-kawza fl-ismijiet **"Alfred Cassano vs Violet Cassano"** deciza fil-15 ta' Mejju, 1963 minn din il-Qorti diversament ippreseduta illi *"...il-mara li tabbanduna d-dar konjugali u tiehu maghha t-tfal, hija obbligata tirrestitwixxi dawn it-tfal lil zewgha, minghajr ma ghandu jitqies, fl-azzjoni li r-ragel jaghmel kontra taghha ghal dik ir-restituzzjoni, jekk hi kellhiex gusta kawza biex thalli d-dar ta' zewgha billi azzjoni simili ma ghandhiex tigi konfuza ma' l-azzjoni tal-mara li tfittex lir-ragel ghall-alimenti a parti mill-gudizzju tas-separazzjoni"*.

Illi fil-kaz **"Yolanda Formosa vs Maggur Frank Formosa"** deciz minn din il-Qorti kif diversament ippreseduta fl-10 ta' Gunju, 1964 inghad illi *"Illi l-ligi*

*tiddisponi li, barra minn xi kazijiet li fihom il-legislatur espressament akkorda l-forza esekuttiva lis-sentenza tal-Qorti ta' l-ewwel istanza (art. 265) meta ssir talba biex sentenza li tkun ghadha ma saritx 'res judicata' tigi dikjarata provvizorjament esegwibili, il-Qorti ghandha tilqa' t-talba jekk tkun sodisfatta li d-dewmien fl-esekuzzjoni tas-sentenza jkun sejjer aktarx jikkaguna pregudizzju akbar lill-parti li titlob dik l-ezekuzzjoni milli dik l-esekuzzjoni tkun tikkaguna lill-parti kuntrarja (art. 264(7)). Fit-tieni kategorija ta' kazijiet, ghalhekk, il-legislatur halla kollox f'idejn il-kriterju prudenti tal-awtorita gudikanti, taht zewg kondizzjonijiet biss, l-istanza tal-parti u l-pregudizzju akbar taghha. L-ewwel kondizzjoni hija element konstatabili materjalment; it-tieni wiehed huwa diskrezzjonali ghall-Imhallef li ghandu pero`' juza dik id-diskrezzjoni mhux semplicement biex jara x'inhu ahjar li jsir imma biex jizen il-pregudizzju;*

*Illi meta l-istanza tkun tirrigwarda l-kura tat-tfal in konsiderazzjoni tal-kwistjoni tal-pregudizzju ma tistax tipprexxindi mid-dispozizzjonijiet tal-Kodici Civili u l-principji in materja li jirrendu suprem mhux l-interess tal-genituri imma l-gid tat-tfal (art. 68 u 69 Kod. Civ.) u b'gid tat-tfal ghandna nifhmu mhux tant il-profitt materjali kemm-il ben esseri morali taghhom. It-tfal, f'kawzi bhal dawn, mhumiex oggett in kontraversja u l-interess tal-genituri fil-kwistjoni dwar il-kustodja taghhom huwa inservjenti ghall-interess tat-tfal. Konsegwentement il-pregudizzju tal-partijiet imsemmi fl-artikolu 264 (7) irid jigi misurat, f'dan il-kaz, fuq il-pregudizzju ikbar jew inqas li jista jsofri l-imsemmi tifel skond jekk tinghatax jew l-esegwibilita provvisorja fis-sentenza in kwantu tirrigwarda l-kura u kustodja tieghu u l-accessibilita` ghalih*";

Illi ukoll fil-kawza fl-ismijiet **"Ray Calleja vs L-Avukat Dottor Raymond Pace et noe"** deciza minn din il-Qorti kif diversament ippreseduta fil-21 ta' April, 1995 illi *"li f'kawza bhal din dwar il-kura u l-kustodja ta minuri, l-interess ta' l-istess minuri huwa l-uniku fattur determinanti u, ghalhekk, il-Qorti ghandha tipprexxindi mit-tortijiet o meno tal-partijiet u zzomm biss fl-ottika taghha dak li jidhrilha li huwa fl-ahjar interess tal-minuri.*

*Ghandu jigi mill-ewwel osservat illi t-tifla minuri A twieldet fis-26 ta Lulju, l989. Dan ifisser li illum din ghandha hames snin u nofs u, ghalhekk, mhux il-kaz li jista' jinghad li l-kura li normalment taghti l-omm lill-uliedha, fl-ewwel snin ta trobbija, hija ndispensabbli ghat-tifla minuri A"*.

Illi tant dan l-interess tal-minuri huwa suprem illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **"L-Avukat Dottor Stephen Thake noe et vs Joseph Portelli"** deciza fl-4 ta' Novembru, 1994 qalet illi *"Il-Qorti trid tenfasizza, illi f'kawza bhal din, l-ottika principali taghha hija wahda - fuq kollox, l-interess tal-minuri. Id-drittijiet u l-obbligi ta' l-omm u tal-missier, li jkunu il-kawza tal-litigju, huma assolutament sekondarji"*. F'din l-istess kawza, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell anzi marret *oltre* u qalet illi fejn ikun hekk jehtieg – u dan meta l-interess suprem tal-minuri hekk jirrikjedi – hija tista tohrog barra mit-termini li jimpurtawlha l-partijiet fit-talbiet taghhom.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Sylvia Melfi vs Philip Vassallo"** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-25 ta' Novembru, 1998 inghad illi *"The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child."*

Illi ghalhekk a bazi tal-principji fuq enuncjati li jirregolaw l-kura u l-kustodja ta' minuri f'Malta jidher din il-Qorti ghandha dejjem thares l-lejn l-interess suprem ta' l-istess minuri, liema interess huwa dejjem superjuri ghal dak sekondarju tal-partijiet fil-kawza u cjoe` il-genituri ta' l-istess tant li tali principju gie ndikat bhala *il-paramountancy principle* fil-kaz ingliz **"J vs C"** (HL 1969)

minn Lord McDermott iccitat fil-kawza **“Marisa Josephine Shafiquzzaman vs Syed Shaffiquzzam”** (P.A. (N.A.) 31 ta’ Mejju 1999).

Illi l-istess gie ritenut fis-sentenza **“Sylvia Melfi vs Philip Vassallo”** hawn fuq citata fejn inghad illi *“In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child. In its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child. The Court refers to a judgement of the Honourable Court of Appeal in the names* ***“Leslie Anne Pace vs Joseph Pace”*** *decided on the 27 th March, 1998”.*

Illi dawn il-principji gew dejjem ikkonfermati f’diversi sentenzi Maltin fosthom dik ta’ **“Ronald Apap vs Ruby Ritchie pro et noe”** deciza mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fis-27 ta’ Ottubru 1995 fejn gie stabbilit ukoll l-principju li fl-*“ahhar mill-ahhar hija biss il-Qorti li hi l-arbitru finali ta’ x’inhu l-interess tal-minuti u kull direzzjoni taghha trid tkun ezaminata minn din l-ottika u hekk motivata”.*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **“Monique Grecula vs Ronald Allen Grecula”** deciza minn din il-Qorti, kif attwalment preseduta fis-6 ta’ Marzu, 2002 intqal illi: *“dan huwa principju fondamentali stante li din l-Qorti huwa dak li fil-fatt qeghda tezamina u wara dan kollox huwa sekondarju tant li gie ritenut li gie ritenut li “ the conduct of the parent is only relevant to the extent that it affects parenting capacity, the child’s relationship with the parent, his or her safety or development. Doing justice between the parents, or the notion that parents have rights over their children, has been said to play no part in the application of the welfare test”.* **“Principles of Family Law” - S. M.; Cretney and J. M. Masson –** pg 719)*”.*

Illi dan gie kkonfermat fis-sentenza **“Jurgen Sixt vs Rosemarie Sixt”** (A.C. (JSP) 3 ta’ Marzu 1999) fejn inghad li *“The Court has repeatedly stated that in matters of custody and access to children, the primary*

*consideration is not the wishes of the parents but the welfare and best interests of the child".*

Inghad ukoll fis-sentenza **"Grecula vs Grecula"** illi *"fl-opinjoni ta' din il-Qorti dan fil-fatt huwa l-perm tal-problema kollha dwar din il-kustodja u kura ta' l-istess minuri, u d-distinzjoni hija netta u cara bejn l-interess tal-minuri u dak li l-partijiet jistghu jippretendu li huma d-drittijiet taghhom verso l-istess minuri. Dak li din il-Qorti qed tistharreg huwa l-gid ta' l-istess minuri u li huma jitrabbew b'sahhithom, f'ambjent familjari u naturali kemm jista' jkun, u jinghataw fibra u edukazzjoni fuq l-aspetti kollha tal-hajja inkluzi dawk morali religjuzi, edukattivi, socjali, fizici f'ambjent stabbli, tenut kont tal-post fejn twieldu u fejn trabbew. Ir-rwol tal-genitur hija mahluqa sabiex iservi ghall dan l-iskop dejjem immirat ghad-direzzjoni alturista ghall gid ta' l-istess minuri, stante li dawn huma l-genituri u cittadini ta' ghada, u fdati f'idejn il-genituri proprju minhabba l-fragilita' taghhom u l-innocenza taghhom, u ghalhekk l-interess tal-istat huwa ezatt dak li jipproteggi l-trobbija sew ta' l-istess minuri, u f'dan il-kuntest il-genituri jista' jinghad li ghandhom responsabbiltajiet lejn l-istess minuri milli drittijiet.*

*Illi l-agir ta' l-istess genitur jidhol fil-kuntest ta' gid tal-minuri jekk tali dispozizzjoni tkun tista' taffetwa pozittivament jew negattivament l-istat fiziku u morali ta' l-istess ulied, u jekk dan ikun fil-pozittiv ghandu jigi nkoraggit, u jekk huwa fin-negattiv, ovvjament ghandu jigi mwaqqaf ghaliex ikun qed jaghmel hsara lill-istess minuri"*.

Illi din il-Qorti hasbet fit-tul dwar din it-talba attrici u sahansitra qabdet esperti u professjonisti fil-qasam biex jghinuha tasal ghal decizjoni li hija fl-ahjar interess taghhom. Il-konjugi Colombo, ghandhom tlett it-tfal. Abigail li twieldet fl-24 ta' Ottubru, 1992 (ghalqet 12-il sena), Christopher li twieled fil-25 ta' Jannar, 1994 (li kwazi ghandu 11-il sena) u Rodney li twieled fit-28 ta' Awissu, 1996 (li ghandu 8 snin).

Illi s-sitwazzjoni prezenti, u cjoe` skond id-digrieti moghtija *pendente lite* minn din il-Qorti u mis-Sekond Awla tal-Qorti Civili hija s-segwenti:

Illi b'digriet moghti fit-30 ta' Lulju, 2003 – fuq rikors tal-konvenut – il-minuri Abigail qeghda taht il-kura u l-kustodja ta' l-istess konvenut u li l-attrici ghandha access ghall-istess minuri kull nhar ta' Erbgha bejn is-2.30p.m. u s-7.30p.m. tingabar u tigi ritornata mill-omm minn fejn in-nanna materna.

Illi ghar-rigward tal-minuri, Christopher, b'digriet tal-11 ta' Dicembru, 2003 filwaqt li l-Qorti halliet il-kura u l-kustodja tieghu f'idejn l-attrici, l-konvenut inghata access ghalih kull nhar ta' Gimgha mill-5.00p.m. sas-7.00p.m. u nhar ta' Sibt mid-9.00 sal-4.00p.m.  *In oltre* l-Qorti wara li rat ir-rapport ta' l-Espert Psikjatriku ordnat illi l-istess minuri jibqa sistemat fl-arrangament temporanju fl-iskola ndikata, kif attwalment huwa illum.

Illi dwar Rodney jinghad illi b'digriet datat 18 ta' Settembru, 1997 moghti mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili kien gie deciz illi l-kura u l-kustodja tieghu kellha tkun f'idejn l-attrici u b'digriet datat 20 ta' Lulju, 2000 kien gie deciz illi l-missier konvenut kellu jkollu access ghalih kull nhar ta' Tlieta u l-Hamis mill-5.00p.m. sas-7.00p.m. u l-Hadd, Hadd minnhom mid-9.00a.m. sat-3.00p.m. u Hadd wara mis-2.00p.m. sas-7.00p.m.

Jinghad ulterjorment illi fir-rigward ta' Christopher, l-Espert Psikjatriku Dr. Anton Grech fir-rapport minnu ipprezentat u mahluf fil-11 ta' Dicembru, 2003 elenka s-segwenti konkluzjonijiet:

1. Mill-ezaminazzjoni li ghamilt nikkonferma li Christopher Colombo, ibati minn ADHD, li fil-kaz tieghu hija principalment tal-*"hyperactive/impulsive subtype".*

2. Il-kura ghal din il-kundizzjoni tikkonsisti f'medicini u *behaviour therapy*. Ta' l-ahhar tikkonsisti filli t-tifel jigi mghallem specjalment kif jikkontrolla l-impulsivita` tieghu.

3. Christopher inghata diversi medicini, u dawk li qed jinghata prezentament ("Risperidone"), qeghdin jghinuh;

4. Biex min ibati min ADHD jitghallem jikkontrolla l-impulsivita` tieghu, idejalment ikun jghix f'ambjent stabbli li jghinu iktar kif biex jaghmel dan, peress li f'ambjent koatiku huwa iktar difficli li tikkontrolla lilek innifsek. Huwa car li St. Patrick's qieghed joffri lil Christopher din l-istabilita` mehtiega;

5. Ta' min jinnota li kull min intervistajt, inkluz il-missier, qabel li minn mindu Christopher dahal St. Patrick's l-imgieba tieghu giet 'il quddiem hafna;

6. Ma nahsibx li ghalhekk huwa opportun li proprju issa meta fl-ahhar Christopher qieghed juri progress fil-kundizzjoni tieghu, ghandhom isiru tibdiliet kbar li potenzjalment jistghu itellfu mill-progress li intlahaq;

7. Ghalhekk inhoss li prezentement, Christopher ghandu jibqa' bl-arrangament temporanju li jghix f'St. Patrick's mit-Tnejn sal-Gimgha u fil-granet l-ohra jorqod ghand ommu. Dan ghandu jibqa jsehh ghal matul din is-sena skolastika, li meta tispicca, jekk il-progress li beda` jibqa' hemm jew izid, ghandu jkun zmien opportun li jibda' jorqod id-dar t'ommu u jmur St. Patrick's matul il-gurnata;

8. Huwa pozittiv hafna li l-missier qieghed juri l-interess biex jghin lit-tifel. Dan innotah Christopher innifsu, li qalli li jinsab ferhan bil-kuntatt li qieghed ikollu ma' missieru. Lili qalli li ghalkemm jixtieq jibqa jghix ma' ommu, lil missieru jixtieq jarah iktar *"ghax lil missieri u ommi inhobbhom indaqs"*. Fl-opinjoni tieghi, z-zmien li Christopher idum St. Patrick's potenzjalment jista joffri bazi ta' stabbilita biex ir-relazzjoni bejn Christopher u missieru tissahhah. Ghalhekk nirrakkomanda li fil-*weekends* il-hin li missier Christopher ikollu access ghalih jizdied. Qieghed nirrakkomanda li dan il-hin jizdied matul il-*weekend* u mhux matul il-gimgha biex ma tigix imharbta r-rutina tat-*timetable* tieghu f'St. Patrick's.

Illi din il-Qorti taqbel ma’ dawn ir-rakkomandazzjonijiet ghar-rigward tal-minuri, Christopher Colombo u taghmilhom taghha.

Illi l-Qorti rat ukoll ir-rapport ta’ l-Agenzija Appoggipprezentat fis-17 ta’ Novembru, 2004. Illi din il-Qorti sejra tordna li l-minuri, Abigail, tibda tattendi *sessions* ta’ *Family Therapy* halli bil-mod il-mod u bl-ghajnuna ta’ dawn l-istess *sessions* hija tibda tibni relazzjoni mill-gdid ma’ ommha l-attrici. Hija hasra li t-tlett itfal tal-kontendenti kellhom jispiccaw kif spiccaw. Ta’ dan ma huwa hadd responsabbli ghajr l-istess kontendenti f’din il-kawza. L-istess kontendenti jmisshom jisthu li ghaddew lil uliedhom minuri minn din it-trawma ta’ eta hekk tenera. Il-partijiet ghandhom jirrejalizzaw illi dak kollu li ghamlu ser jaffettwa lill-minuri ghal hajjithom kollha. Din il-Qorti ma tistax tiehu din il-kwistjoni b’mod legger. Jekk jirrizulta, aktar ‘il quddiem, illi l-minuri ser jkomplu jghaddu minn din it-trawma, hija tkun lesta illi tiehu mizuri ohra u dan fl-ahjar interess tal-minuri. Minn qari tar-rapport imhejji mill-Agenzija Appogg, jirrizulta illi l-attrici kienet issawwat lill-bintha, Abigail. Mill-provi prodotti pero` dawn l-allegazzjonijiet ma jirrizultawx provati. Anke jekk dawn l-allegazzjonijiet ma gewx ippruvati, din il-Qorti filwaqt illi taghmilha cara illi huwa tajjeb u utili li l-minuri ghandhom jigu mrobbija b’ghozza u b’rispett, u dan anke in vista’ tad-drittijiet ta’ l-istess tfal, u kull korrezzjoni ta’ l-istess ulied ghandha ssir fil-parametri tal-ligi u b’doza ta’ sensibilita`. Din il-Qorti qatt ma hija qatt ser tiggustifika li xi minuri jisfa msawwat. Mir-rapport li gie imhejji mill-Agenzija Appogg jirrizulta bl-aktar mod car illi l-minuri ilkoll jehtiegilhom li jattendu ghal *sessions* ta’ terapija u dan sabiex bl-ghajnuna ta’ nies professjonisti jipprovaw jirkupraw mit-trawma li minnha ghaddewhom ommhom u missierhom. Iz-zmien u t-terapija biss jista jergghu jaghtu lil din il-familja is-serenita` li kellhom qabel ma beda` dan l-inkwiet. Fl-istess rapport jissemma ukoll illi s-subien, ahwa Colombo, jaraw li l-konvenut, missierhom jaghmel atti ta’ preferenza ma’ ohthom, Abigail. Lanqas dwar dan ma hemm provi fl-atti tal-process. Il-Qorti pero` trid taghmilha cara ghal kulhadd illi ma ghandux jkun hemm preferenzi mill-genituri ma’ xi wiehed jew wahda mit-tfal.

It-tfal huma kollha ugwali bejniethom u huma ilkoll tal-genituri. L-ebda wiehed jew wahda mill-partijiet ma jista' jippretendi li jaghmel preferenzi ma' wild a skapitu tal-wild l-ohra u jibqa kollox kif inhu. Il-minuri, ghalkemm ghadhom zghar jafu x'qieghed jigri madwarhom u mill-ewwel jirrejalizzaw x'ikun ghaddej. Il-partijiet iridu jirrejalizzaw illi bil-preferenzi ser igelldu lill-istess ahwa bejniethom bil-konsegwenzi kollha li tali glied igib.

Illi ghalhekk il-minuri ilkoll ghandhom jibdew jattendu *Family Therapy sessions* flimkien mal-kontendenti, anke jekk l-istess kontendenti ma jattendux ghal dawn is-*sessions* f'daqqa, b'dan illi jekk jirrizulta illi l-istess kontendenti ma humiex jikkoperaw ma' l-awtoritajiet koncernati, din il-Qorti tirrizerva li tirrevedi l-pozizzjoni taghha dwar l-access li kull parti ghandha jkollha ghal imsemmija minuri. *In oltre*, hekk u meta l-persuna nkarigata minn dan il-programm ta' *Family Therapy* jidhrilha li l-access hawn taht ghandu jitbiddel, hija ghandha taghmel nota fl-atti ta' din il-kawza ghal dan il-ghan. Sadanittant, u sabiex forsi tigi zblukkata s-sitwazzjoni, il-Qorti sejra tordna li l-minuri jibqghu jghixu kif qeghdin jaghmlu prezentement, u cjoe` l-minuri Abigail mal-konvenut u l-minuri l-ohre ma' l-attrici salv ghal dak li nghad hawn fuq fir-rigward tal-minuri, Christopher. L-attrici ghandha jkollha access ghall-minuri, Abigail, kull nhar ta' Sibt bejn id-disgha ta' filghodu (9.00a.m.) u s-sitta ta' wara nofsinhar (6.00p.m.), mentri l-konvenut ghandu jkollu access ghaz-zewg minuri, subien Rodney u Christopher, kull nhar ta' Hadd mid-disgha ta' filghodu (9.00a.m.) sas-sitta ta' filghaxija (6.00p.m.). Il-konvenut ghandu jara illi huwa jwassal lill-minuri Abigail, fil-post fejn tkun qeghda tirrisjedi l-attrici u ghandu jmur ghaliha fil-ghaxija hekk kif jispicca l-access. Hekk ukoll ghandu l-konvenut jmur ghall-minuri subien kull meta jmissu access, u dan minn fejn ir-residenza ta' l-attrici u jirritornahom lura fir-residenza taghha meta dan l-access jispicca. Illi dan l-arrangament ghandu jkun moniterjat mill-Agenzija Appogg, li ghandha tara li kull parti f'din il-kawza tosserva dak hawn ordnat, u li kull parti tikkomporta ruhha sew fil-prezenza ta' l-istess minuri.

Illi l-hames talba attrici hija sabiex din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas retta alimentari ffissata mill-Qorti lill-attrici u lil kull wiehed u wahda mill-imsemmija tfal minuri. Illi b'digriet tat-30 ta' Lulju, 2003 kien gie deciz illi l-ammont ta' manteniment li sa dakinhar kien ta' hamsa u tletin lira Maltija (Lm35) fil-gimgha (Lm7 fil-gimgha ghal kull minuri u Lm14 fil-gimgha ghall-attrici) kellu jigi ridott ghal tletin lira Maltija (Lm30) fil-gimgha b'dan li l-konvenut kellu jhallas l-arretrati kollha ta' manteniment kif degretat qabel illum u dan immedjatament.

Illi l-attrici fin-nota guramentata taghha ipprezentata fis-7 ta' April 2003 iddikjarat illi "*ikun idoneju jekk l-konvenut jissoministra retta alimentari limitatament fil-konfront tat-tlett tfal minuri*". Ghaliha ma talbet xejn bhala manteniment, anzi stqarret illi hija ma tixtieqx li jkollha manteniment minghand zewgha, l-konvenut.

Illi ghar-rigward tal-manteniment, din il-Qorti kif ippreseduta fil-kawza fl-ismijiet **"Georgina Schembri pro et noe vs Dino Schembri"** deciza fit-28 ta' Novembru, 2002 qalet illi:-

"*l-obbligi ta' manteniment tal-konjugi huma regolati bl-* ***artikolu 3 tal-Kap 16*** *li jipprovdi li :-*

*Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu kemm fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lill-xulxin u jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja."*

Illi skond l-**artikolu 3B tal-Kap 16** hemm stipulat illi:

*"Iz-zwieg jimponi fuq il-mizzewgin l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lill-ulied li jigu miz-zwieg skond il-hila, xehtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' ulied."*

Illi skond l-**artikolu 7 (1) ta' l-istess Kap 16** jinghad li:-

*“Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3 B ta’ dan il-Kodici.”*

Illi ghalhekk a bazi tal-premess, jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-ligi, li l-genituri ghandhom l-istess obbligi *verso* l-ulied taghhom, u ghalhekk it-tnejn li huma ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija ta’ l-istess, aktar u aktar meta llum il-mizzewgin huma f’pozizzjoni ta’ ugwaljanza u ghandhom l-istess drittijiet u allura, anke skond l-**artikolu 2 tal-Kap 16** *“jerfghu r-responsabbilitajiet indaqs matul iz-zwieg taghhom.”*

Illi certament li l-obbligi mnizzla miz-zwieg, isofru mutament fil-kors ta’ separazzjoni bejn il-partijiet, anke fil-kazijiet bhal dak odjern ta’ *pendente lite*, pero` l-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied jibqa’ bazikament l-istess dettat kull wiehed skond il-mezzi tieghu, ikkalkulati skond id-dispozizzjonijiet ta’ l-**artikolu 20** ta’ l-istess Kap, u l-bzonnijiet ta’ l-istess minuri, u fl-interess ta’ l-istess minuri.

Illi huwa ovvju li kif ghandha tkun tali kontribuzzjoni minn kull wiehed mill-genituri, tvarja minn kaz ghal kaz, u hafna jiddependi fuq il-mezzi rispettivi u l-bzonnijiet ta’ l-istess minuri, pero` xorta jibqghu veljanti u skjetti l-principji li jirregolaw l-istess dmirijiet u obbligazzjonijiet tal-genituri *verso* l-istess ulied, specjalment ghall-manteniment ta’ l-istess fit-termini preskritti fl-**artikolu 19 (1) u (2) u l-artikolu 20 tal-Kap 16**, li ghalhekk jinkludu kontribuzzjoni ghall-ikel, ilbies, sahha u abitazzjoni u spejjez mehtiega ghall-istess sahha u ghall-edukazzjoni taghhom u skond il-bilanc bejn il-bzonn u l-mezzi, kkalkulati *ai termini* tas-**sub-artikoli** ta’ l-istess **artikolu 20**. Illi dan apparti l-obbligi tal-kontendenti li jmantnu lil xulxin skond id-dettami tal-ligi, u skond il-kalkoli hemm indikati.

Illi din il-Qorti taqbel ukoll mal-konsiderazzjoni li ghamlet din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, fil-kawza fl-ismijiet **“Marthese Vella pro et noe vs George Vella”** deciza fit-28 ta’ Frar, 2003 fejn inghad illi “*l-fatt li l-mara ma tahdimx ma jfissirx li din ma ghandhiex il-potenzjal li tahdem u tiggenera introjtu*”. Inghad ukoll f’din l-istess

sentenza illi "*t-tibdil legislattiv filwaqt li rrikonoxxa l-avvanz tal-mara gab mieghu wkoll responsabbilitajiet fuq il-mara mizzewga ferm aktar milli kellha qabel. Dawn ir-responsabbilitajiet huma riflessi wkoll anke fejn jirrigwarda l-manteniment. Li jfisser li hi wkoll trid terfa' bhal zewgha r-responsabbilita` ghal dak li jirrigwarda l-manteniment tal-familja*". (Ara decizjoni fl-ismijiet **"Doris Tabone vs Carmelo Tabone"**, Appell, 15 ta' Dicembru 1997.

Din il-Qorti, tghid illi dan hu hekk in principju, pero` jista jkun li jkun hemm kazijiet fejn minhabba c-cirkostanzi tal-kaz, il-genitur li jkun fdat bil-kura u l-kustodja tal-minuri ma jkunx jista jahdem u dan minhabba li jkun irid jippresta l-attenzjoni u l-kura tieghu ghat-trobbija ta' l-imsemmi minuri. Illi ghalhekk jekk tezisti raguni sufficcjenti bhal din hawn appena msemmija, jista jkun illi parti fiz-zwieg ikollha thallas il-manteniment lill-parti l-ohra ghal tul ta' zmien.

Illi ghar-rigward ta' l-obbligu tal-manteniment, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **"Anthony Licari vs Caroline Licari pro et noe"** deciza fis-6 ta' April, 1992 qalet illi "*l-obbligu ta' l-attur li jmantni lil uliedu jigi qabel l-obbligu tal-konvenuta*". Din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, dwar dan l-obbligu ta' manteniment lil minuri qalet illi "*Illi dan l-obbligu ghall-manteniment m'huwiex marbut bl-ebda mod ma' l-impjieg jew mal-introjtu tal-missier izda huwa obbligu assolut*" (Ara **"Maria Bugeja pro et noe vs Spiridione sive Stephen Bugeja" –** Cit. Nru 154/94).

Illi din il-Qorti, mill-provi prodotti mill-kontendenti f'din il-kawza tara li l-manteniment tal-minuri, Christopher u Rodney, ghandu jkun ta' hamsa u erbghin lira Maltin (Lm45) ghal kull minuri kull erba' gimghat, liema manteniment ghandu jithallas kull l-ewwel jum ta' kull erba' gimghat b'mod immedjat mid-data ta' din is-sentenza 'l qudddiem. Dan il-manteniment ghandu jigi rivedut kull sentejn u ghandu jirrifletti fih kull zieda li jkun hemm fl-gholi tal-hajja u dan skond l-indici li hemm fil-Kapitolu 158 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghar-rigward tal-minuri Abigail, il-missier ghandu jiehu hsieb il-bzonnijiet taghha kollha.

Is-sitt talba hija sabiex l-attrici tigi awtorizzata tkompli tabita fid-dar konjugali, numru 82, Triq Herba, Birkirkara u tiddikjara lill-konvenut ma ghandux dritt jabita fl-imsemmija dar.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Lilian Wismayer pro et noe vs Anthony Wismayer"** deciza minn din il-Qorti kif diversament ippreseduta fit-23 ta' Frar, 2001 kien inghad illi:-

*"Mil-lat legali ma jistax ikun ikkontestat li l-provvediment ta' l-Artikolu 46 tal-Kodici Civili ddahhal fl-ordinament guridiku taghna bl-Att XXI ta' l-1993 principalment biex jissalvagwardja u jaghti protezzjoni f'kazijiet ta' certu serjeta' u urgenza bhal dawk tal-vjolenza fizika w il-korruzzjoni tal-minorenni."* Din l-istess Qorti, pero`, kif gustament irrileva d-difensur ta' l-attrici wara studju anke ta' gurisprudenza u dottrina estera estendiet il-kazijiet fejn applikat dan il-provvediment anke ghal fejn ikun hemm "*vjolenza morali u ta' biza', fondata u reali, ta' parti mill-ohra jew tal-minuri minn xi wiehed mill-dgenituri*". (**"Mary Grech pro et vs Nazzareno sive Reno Grech"** – 1 ta' Frar 1999). Eventwalment meta l-konflitt fid-dar matrimonjali "*twassal biex il-koppja assolutament ma tkunx tista' tabita taht l-istess saqaf, il-Qorti trid tabilfors tipprovdi, jigi ripetut, eventwalment fl-interess taz-zewg koppji u fejn hemm il-minuri fl-interess suprem taghhom.*" (**"Grech vs Grech"**).

Mhux kull kaz pero` kellu jwassal ghal din il-mizura u filwaqt illi gie kkonsidrat fid-dottrina Ingliza illi "*For example, it is accepted that, ideally, children need a stable environment, free from the tensions and anxiety created by the site of parents quarelling or fighting, and preferably in a home that they are used to, the matrimonial home.*" Gie wkoll ritenut "*In a number of recent cases, the Court of Appeal has reminded lower courts that they must also take into account the Draconian nature of an "Ouster Order"*". (Il-kaz tal-Qorti ta' l-Appell

**"Wiseman vs Simpson"** - 1988 - il-kwotazzjonijiet huma mehuda minn **"Family Law" - Carol Crowdy, Sweet & Maxwell, Second Edition,** pagni 69 u 71). Dan l-element gie wkoll ikkonsidrat minn din il-Qorti fid-digrieti minnha moghtija **"Elvira Chircop vs Carmelo Chircop" (6/11/97);** u **"Mary Grace Mallia vs Alfred Mallia" (14/10/98)**; u anke fid-digriet fuq citat **"Grech vs Grech"** fejn il-Qorti osservat "*Ovvjament kwalunkwe separazzjoni kwazi dejjem twassal ghat-tensjoni fid-dar konjugali. Din it-tensjoni, wahedha, jew flimkien mal-pika, konsegwenza wkoll ta' diversi separazzjonijiet, iwasslu ghal glied, tghajjir u akkuzi ohra. Fil-maggior parti tal-kazijiet din is-sitwazzjoni hija wahda li trid tigi accettata bhala konsegwenza umana tal-konflitt matrimonjali pero` f'dawn il-kazijiet ma twassalx sal-punt illi l-koppja ma tkunx tista' aktar tirresjedi fl-istess dar fl-interess tat-tnejn u tat-tfal minuri.*" - U ghalhekk ghandha necessarjament twassal ghal dan il-provvediment.

Dan ghaliex huwa rikonoxxut ukoll li f'dan il-kaz kuntrarjament ghal dak tal-kura u kustodja, l-interess tal-minuri huwa wiehed biss mill-fatturi li jridu jigu meqjusa ghax iridu jigu kkunsidrati wkoll fatturi ohra bhall-interess tal-persuna li tkun sejra tigi mkeccija mill-istess dar. Fil-kaz Ingliz ta' **"Richards vs Richards"** gie ritenut "*That none of the factors listed ..... including the needs of the children, was to be accorded a priority or paramountancy over the others.*" Fejn il-Qorti kienet qed tikkonsidra "*ouster applications*". Minkejja illi din il-Qorti forsi ma tasalx sa hawn ma hemmx dubju illi l-interess tat-tfal ma huwiex dak uniku f'din il-materja kuntrarjament ghall-kwistjonijiet aktar direttament rilevanti mat-trobbija taghhom.

Applikati dawn il-konsiderazzjonijiet ghall-kaz prezenti, u kif ukoll mehud in konsiderazzjoni il-fatt illi l-konvenut ilu li telaq mid-dar matrimonjali ghal diversi snin, il-Qorti hija tal-fehma li din it-talba attrici ghandha tintlaqa' u b'hekk filwaqt li qeghda tawtorizza lill-attrici tkompli tghix fid-dar matrimonjali, qeghda effettivament tordna u tiddikjara illi l-konvenut ma ghadx ghandu dritt ta' abitazzjoni fir-rigward ta' din l-istess dar matrimonjali.

Immis issa li tigi deciza l-ahhar talba attrici u cjoe` t-tielet talba taghha u li permezz taghha l-attrici talbet lil din il-Qorti sabiex tillikwida l-kommunjoni ta’ l-akkwisti bejn il-partijiet u l-beni parafernali ta’ kull parti, u tiddividi ugwalment il-komunjoni ta’ l-akkwisti, u tassenja porzjon lil kull parti, flimkien mal-beni rispettivi taghha. Illi bhala konsistenza ta’ assi tal-komunjoni u dan skond ma jirrizulta mill-provi prodotti u min-noti guramentati tal-partijiet, illi f’din il-komunjoni hemm id-dar matrimonjali bl-indirizz 82, Triq Herba, Birkirkara, vettura tat-tip Fiat Uno bin-numru ta’ registrazzjoni IAJ-584, diversi kontijiet bankarji fuq isem il-kontendenti u l-ghamara li tinsab fid-dar matrimonjali.

Illi *stante* li l-htija esklussiva ta’ din il-firda giet attribwita mill-Qorti lill-konvenut, allura din il-Qorti qeghda tiddikjara s-segwenti fir-rigward tad-dar matrimonjali li hemm f’numru 82, Triq Herba, Birkirkara. Illi l-attrici ghandha jkollha dritt ta’ uzu u abitazzjoni f’din id-dar ghal perjodu ta’ hmistax -il (15) sena minn meta din is-sentenza tghaddi in gudikat.  Wara dan il-perjodu din id-dar ghandha tinbiegh u r-rikavat jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet wara li jitnaqqsu l-ammont ta’ hamest’ elef lira Maltin (Lm5,000) li l-attrici kienet harget qabel iz-zwieg ghax-xiri ta’ din id-dar u l-elfejn lira Maltin (Lm2,000) li l-konvenut hareg qabel iz-zwieg ghax-xiri ta’ din id-dar.  Illi l-partijiet isemmu li huma ghamlu diversi spejjez ohra, pero` minn imkien ma jirrizulta x’kienu dawn l-ispejjez u kemm kienu. L-attrici tghid illi hija ghamlet diversi xogholijiet fid-dar matrimonjali, pero` provi ta’ x’tip ta’ xogholijiet ghamlet u x’nefqet ghar-rigward ta’ dawn ix-xogholijiet ma hemmx.  Illi fir-rigward tal-konvenut, huwa jghid illi nefaq madwar tlett elef lira Maltin (Lm3,000) f’xogholijiet li huwa ghamel fid-dar matrimonjali biex b’hekk jigi li hareg l-istess ammont kemm harget martu l-attrici meta giet akkwistata din id-dar.  Din l-asserzjoni da parti tal-konvenut ma hijiex sorretta mill-ebda prova dokumentarja u allura l-Qorti ma tistax tilqaghha.  Ghar-rigward ta’ l-ghamara u dak kollu li jinsab mill-ghatba ‘il gewwa tad-dar matrimonjali, din ghandha tinghata kollha lill-attrici, u dan tenut kont tal-fatt illi minn meta telaq il-

konvenut sa llum hija xtrat diversi bicciet ta’ ghamara *oltre* li xtrat mobilja ohra.

Illi ghar-rigward tal-vettura tat-tip Fiat Uno bin-numru ta’ registrazzjoni ittri “I” “A” “J” numri hamsa, tmienja, erbgha (IAJ-584) din ghandha tkun tappartjeni esklussivament lill-attrici u ghal dan il-ghan il-Qorti qeghda tordna li jsiru t-trasferimenti necessarji sabiex dan isehh.

Fir-rigward tal-kontijiet bankarji, kull parti ghandha izzomm dak il-flejjes u jew kontijiet li jinsabu fuq isimha.

Jifdal issa x’jigu decizi t-tmintax (18)-il talba kontenuti fil-kontro-talba tal-konvenut u l-eccezzjonijiet ta’ l-attrici ghall-istess.

Illi l-ewwel tlett talbiet kontenuti fil-kontro-talba tal-konvenut gja gew decizi fil-korp tac-citazzjoni odjerna u din il-Qorti filwaqt li qeghda tichadhom fejn dawn huma inkompatibbli ma’ dak li gie deciz minn din il-Qorti diga` f’din l-istess sentenza, tilqa’ l-ewwel talba ta’ din il-kontro-talba u tiddikjara li a bazi ta’ din is-sentenza intemm l-obbligu tal-partijiet li jghixu flimkien u qeghda ukoll taghmel referenza ghal argumenti u motivazzjonijiet taghha msemmija aktar ‘il fuq.
Illi ghar-rigward tar-raba` talba tal-konvenut, din ukoll giet deciza u a skans ta’ repitizzjonijiet inutili, din il-Qorti, filwaqt li tichad din it-talba taghmel referenza ghal dak li gie deciz minnha aktar ‘il fuq.

Il-hames talba tal-konvenut qeghda ukoll tigi michuda u din il-Qorti terga’ ukoll taghmel referenza ghal dak li gie deciz minnha fuq din il-kwistjoni tal-manteniment aktar ‘il fuq.

Is-sitt talba tal-konvenut tirrigwarda l-kura u l-kustodja tal-minuri, ahwa Colombo.  Dwar din it-talba l-Qorti diga` esprimiet ruhha aktar ‘il fuq u filwaqt li qeghda tilqa’ l-istess limitatament ghar-rigward tal-kura u l-kustodja tal-minuri Abigail, hija qeghda terga taghmel l-istess twissija li ghamlet aktar kmieni u cjoe` li hija ma hijiex ser

tippermetti lill-partijiet li jkomplu juzaw lil uliedhom fil-kunflitt matrimonjali taghhom.

Illi dwar is-seba` talba tal-konvenut, din ghandha tigi michuda *stante* li l-effetti ta’ l-**artikolu 48** ghandhom u qed jigu applikati fil-kofront tal-konvenut biss inkluz li huwa jitlef d-drittjiet kontemplati taht l-**artikoli 631, 633, 633A, 825, 826 u 827 tal-Kodici Civili** u ghall-kumplament, tichadha.

Illi fir-rigward tat-tmien talba tal-konvenut, din qeghda tigi michuda u dan peress illi irrizulta illi l-attrici ma hijiex il-persuna li minhabba fiha sehhet din is-separazzjoni, izda huwa l-konvenut li ghandu jahti ghal din is-separazzjoni.

Illi fid-disa` talba tieghu l-konvenut qieghed jitlob lil-Qorti sabiex hija tiddikjara li l-mara tieghu (l-attrici) tilfet il-jedd li titlob il-manteniment minghandu. Illi din il-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ din it-talba tal-konvenut u dan peress illi l-istess attrici fin-nota guramentata taghha, li ghaliha l-Qorti ghamlet referenza aktar ‘il fuq, irrinunzjat ghall-manteniment minghand l-istess konvenut.
Illi dwar l-ghaxar talba tal-konvenut, salv ghal dak li inghad mill-Qorti fir-rigward tas-seba` talba tal-konvenut fil-kontro-talbiet tieghu, din ukoll qeghda tigi michuda.

Il-hdax il-talba tal-konvenut hija ukoll michuda *stante* li l-htija tal-firda, kif diga` nghad, qeghda tigi akkolata fl-intier taghha fuq il-konvenut.

Illi dwar it-tnax-il talba tal-konvenut, din il-Qorti diga` ddecidiet talba simili ta’ l-attrici u diga taght l-ordnijiet taghha a tenur ta’ l-**artikolu 55 tal-Kodici Civili** u filwaqt li qeghda tilqaghha limitatament ghal dak li diga` qalet din il-Qorti dwar kif ghandha tigi xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, konjugi Colombo, qeghda tichada ghall-kumplament.

Hekk ukoll qeghda taghmel din il-Qorti ghar-rigward tat-tlettax-il talba tal-konvenut u cjoe` qeghda tichadha u dan peress illi l-attrici nghatat d-dritt ta’ uzu u abitazzjoni f’din id-dar ghal perjodu ta’ hmistax (15)-il sena minn meta din

is-sentenza tghaddi in gudikat. Wara dan il-perjodu din id-dar ghandha tinbiegh u r-rikavat jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet wara li jitnaqqsu l-ammont ta' hamest'elef lira Maltin (Lm5,000) li l-attrici kienet harget qabel iz-zwieg ghax-xiri ta' din id-dar u l-elfejn lira Maltin (Lm2,000) li l-konvenut hareg qabel iz-zwieg ghax-xiri ta' din id-dar. *Oltre* dan li nghad, il-Qorti qeghda taghmel ukoll referenza ghall-kunsiderazzjoni maghmulin minnha aktar 'il fuq f'din is-sentenza f'dan ir-rigward sabiex din is-sentenza ma titwalx izjed inutilment.

Illi fl-erbatax-il talba tieghu l-konvenut jitlob li jigi applikat fl-intier tieghu l-effetti ta' l-**artikoli 56 u 57 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.** Illi dwar din it-talba l-Qorti diga` ipprovdiet fejn jidhlu t-tfal minuri tal-konjugi Colombo. F'dan l-istadju, il-Qorti izzid biss illi l-konvenut ghandu jara li jiehu hsieb ghal bzonnijiet kollha tal-minuri Abigail Colombo, li ser tkun qeghda tghix mieghu, u ghandu jipprovdi ukoll ghall-manteniment taz-zewg uliedu l-ohra u cjoe` Christopher u Rodney, ahwa Colombo. F'dan ir-rigward, il-Qorti qeghda tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici l-ammont ta' hamsa u erbghin lira Maltin (Lm45) ghal kull minuri kull erba' gimghat, liema manteniment ghandu jithallas kull l-ewwel jum ta' kull erba' gimghat b'mod immedjat mid-data ta' din is-sentenza 'l qudddiem. Dan il-manteniment ghandu jigi rivedut kull sentejn u ghandu jirrifletti fih kull zieda li jkun hemm fl-gholi tal-hajja u dan skond l-indici li hemm fil-**Kapitolu 158 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Hekk ukoll il-Qorti gja iddecidiet dwar l-access li ghandhom ikollhom kull parti ghal uliedhom u l-Qorti qeghda taghmel referenza ghalihom a skans ta' ripetizzjoni inutili. Ghal dan il-ghan din it-talba qeghda tintlaqa' limitatament f'dan is-sens biss.

Illi l-hmistax il-talba tal-konvenut diga` giet deciza aktar il-fuq fis-seba' talba tieghu u ghaldaqstant il-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba.

Fis-sittax-il kontro-talba tieghu l-konvenut jinvoka s-sub-artiklu (2) ta' l-**artiklu 62 tal-Kap. 16** u talab lill-Qorti

sabiex hija tipprojbixxi lill-attrici milli tkompli tuza l-kunjom tieghu. L-attrici dwar dan ma ssemmi xejn, u dan jindika illi hija tixtieq li tibqa' tuza dan il-kunjom. Jinghad illi dan mhux xi kunjom komuni u facilment wiehed jista jiddentifikah ma' familja u persuni partikolari, pero` l-konvenut bl-ebda mod ma pprova li l-uzu mill-attrici tal-kunjom taz-zwieg ser jarrekalu pregudizzju gravi. Mill-atti processwali ma jirrizulta xejn li jista jgieghel lil din il-Qorti sabiex tilqa' din it-talba tieghu u ghaldaqstant qeghda tichadha.

Is-sbatax-il talba tal-konvenut tirrigwarda l-ispejjez konnessi ma' din il-kawza. Mill-provi prodotti irrizulta bl-aktar mod car, illi huwa l-konvenut li jahti ghal din il-firda u ghaldaqstant ghandu jgorr il-piz ta' l-ispejjez ta' din il-kawza kollha fl-intier taghhom l-istess konvenut.

L-ahhar talba tal-konvenut hija sabiex din il-Qorti taghti kwalsiasi provvedimenti opportuni li din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni li tordna u taghti fid-dawl tat-talbiet tal-konvenut kif hawn suesposti fid-dawl tal-kontro-talba mehmuza man-nota ta' l-eccezzjonijiet f'din ic-citazzjoni odjerna. Illi dwar dan il-punt, din il-Qorti diga` tat dawk il-provvedimenti li hija dehrilha opportuni u allura din it-talba qeghda tigi michuda.

Illi sabiex taghlaq din il-Qorti tghid illi hafna minn dawn it-talbiet tal-konvenut setghu jigu maqghuda f'daqqa u fil-fatt hafna minn dawn it-talbiet huma xi drabi ripetuti diversi drabi ghalkemm forsi d-dicitura taghhom kienet xi ftit differenti. Dan il-Qorti ma hijiex ser tibqa' taccettah u dan peress illi dan huwa abbuz serju tal-proceduri gudizzjarji.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt illi tichad l-ewwel eccezzjoni ta' nullita' eccpiti mill-konvenut, u tichad il-kumplament ta' l-eccezzjonijiet ta' l-istess konvenut in kwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici** fis-sens biss kif hawn deciz b'dan illi:-

(a) Tilqa’ l-ewwel talba ta’ l-attrici u tiddikjara li z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti, konjugi Colombo tkisser minhabba l-attitudni anke ta’ vjolenza li l-konvenut ha fil-konfront ta’ martu l-attrici. Illi ghalhekk il-konvenut huwa hati ta’ sevizzi, eccessi, vjolenza u mohqrija u ngurji gravi skond il-ligi fil-konfront ta’ l-attrici. Illi apparti dan kollu, jirrizulta ukoll, u dan *ex admissis* mill-istess konvenut, illi llum il-gurnata huwa qieghed jghix f’relazzjoni ma’ certu Charmaine Bray u ghalhekk iz-zwieg li kellu ma’ l-attrici illum il-gurnata tkisser irrimedjabbilment u dan anke minhabba adulterju *da parte* tieghu.

(b) Konsegwentement tilqa’ t-tieni talba ta’ l-attrici u tawtorizzaha tghix separatament minn zewgha, l-konvenut u tilliberaha mill-obbligi konjugali kollha skond il-ligi favur l-istess konvenut. Il-Qorti qeghda tiddikjara li l-konvenut iddekada mid-drittijiet konjugali kollha skond il-ligi fir-rigward ta’ l-attrici.

(c) Tilqa’ t-tielet talba attrici b’dan illi din il-Qorti qeghda tiddikjara s-segwenti fir-rigward tad-dar matrimonjali li hemm f’numru 82, Triq Herba, Birkirkara. Illi l-attrici ghandha jkollha dritt ta’ uzu u abitazzjoni f’din id-dar ghall-perjodu ta’ hmistax (15)-il sena minn meta din is-sentenza tghaddi in gudikat. Wara dan il-perjodu din id-dar ghandha tinbiegh in subbasta u r-rikavat jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet wara li jitnaqqsu l-ammont ta’ hamest’ elef lira Maltin (Lm5,000) li l-attrici kienet harget qabel iz-zwieg ghax-xiri ta’ din id-dar u l-elfejn lira Maltin (Lm2,000) li l-konvenut hareg qabel iz-zwieg ghax-xiri ta’ din id-dar. Ghar-rigward ta’ l-ghamara u dak kollu li jinsab mill-ghatba ‘il gewwa tad-dar matrimonjali, din ghandha tinghata u qed tigi assenjata kollha lill-attrici, u dan kemm bl-applikazzjoni ta’ l-**artikolu 48** kontra l-konvenut u anke tenut kont tal-fatt illi minn meta telaq il-konvenut sa llum hija xtrat diversi bicciet ta’ ghamara *oltre* li xtrat mobilja ohra. Illi ghar-rigward tal-vettura tat-tip Fiat Uno bin-numru ta’ registrazzjoni ittri “I” “A” “J” numri hamsa, tmienja, erbgha (IAJ-584) din ghandha tkun tappartjeni esklussivament lill-attrici u ghal dan il-ghan il-Qorti qeghda tordna li jsiru t-trasferimenti necessarji sabiex dan isehh.

Illi fir-rigward tal-kontijiet bankarji, kull parti ghandha zzomm dak il-flejjes u jew kontijiet li jinsabu fuq isimha.

(d) Tilqa' limitatament ir-raba` talba attrici u tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri, Rodney u Christopher, ahwa Colombo, f'idejn l-attrici b'dan illi l-minuri, Christopher, ghandu jibqa jattendi gewwa St. Patrick's School sakemm ma jkunx indikat illi dan ma jibqax jattendi u dan minn persuni kompetenti dejjem fl-interess ta' l-istess minuri. Il-konvenut ghandu jkollu access ghall-imsemmija minuri kull nhar ta' Hadd bejn id-disgha ta' filghodu (9.00a.m.) u s-sitta ta' wara nofsinhar (6.00p.m.). Il-konvenut ghandu jigbor lill-imsemmija minuri mir-residenza ta' l-attrici jew minn kull post iehor miftiehem bejn il-partijiet u ghandu jirritornahom lura fl-istess residenza jew f'kull post iehor miftiehem bejn l-istess partijiet. Illi dwar l-access li l-attrici ghandha jkollha fil-konfront tal-minuri, Abigail din ser tigi indikata meta jigu decizi l-kontro-talbiet tal-konvenut aktar 'l isfel f'din is-sentenza.

Sabiex jigi evitat kwalsiasi ekwivoku bejn il-partijiet, il-Qorti qeghda tordna illi fil-Milied tas-sena elfejn u erbgha (2004) l-minuri, Abigail ghandha tkun ma' l-attrici, mid-disgha ta' filghodu (9.00a.m.) sa nofsinhar (12.00p.m.) u l-minuri Christopher u Rodney ghandhom ikunu mal-konvenut minn nofsinhar (12.00p.m.) sas-sebgha ta' filghaxija (7.00p.m.) u nhar l-Ewwel tas-Sena elfejn u hamsa (2005) l-minuri Christopher u Rodney ghandhom ikunu mal-konvenut mid-disgha ta' filghodu (9.00a.m.) sa' nofsinhar (12.00p.m.) u l-minuri Abigail ghandha tkun ma' l-attrici minn nofsinhar (12.00p.m.) sas-sebgha ta' fil-ghaxija (7.00p.m.). Fil-Milied tas-sena elfejn u hamsa (2005), l-minuri Christopher u Rodney ghandhom ikunu mal-konvenut mid-disgha ta' filghodu (9.00a.m.) sa nofsinhar (12.00p.m.) u l-minuri, Abigail, ghandha tkun ma' l-attrici min-nofsinhar (12.00p.m.) sas-sebgha ta' filghaxija (7.00p.m.) u nhar l-Ewwel tas-sena elfejn u sitta (2006), l-minuri, Abigail, ghandha tkun ma' l-attrici mid-disgha ta' filghodu (9.00a.m.) sa nofsinhar (12.00p.m.) u l-minuri Christopher u Rodney ghandhom ikunu mal-konvenut minn nofsinhar (12.00p.m.) sas-sebgha ta' filghaxija (7.00p.m.) Dan l-arrangament ghandu jibqa'

jalterna ruhhu b'dan il-mod kif inghad kull sena. Din l-ordni ghanda tghodd anke jekk il-gurnata tal-Milied u/jew l-Ewwel tas-Sena jahbtu f'xi gurnata minn dawk iffissati mill-Qorti bhala l-access normali ghall-imsemmija minuri. Id-decizjonijiet importanti dwar it-trobbija, edukazzjoni u *ben essere* tat-tfal ghandhom jittiehdu miz-zewg genituri f'daqqa. Jekk il-genituri ma jkunux jistghu jaslu b'mod civili ghal ftehim huma ghandhom kull dritt li jirrikorru u jutilizzaw dak li tipprovdi l-ligi f'dawk ic-cirkostanzi. Ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u fl-interess suprem tal-minuri – u dan sakemm ma jkunx hemm ordni ta' Qorti ohra li tvarja din id-decizjoni jew sakemm ma jkunx hemm qbil bil-miktub bejn il-partijiet f'dan ir-rigward, id-domicilju u r-residenza tal-minuri Abigail, Christopher u Rodney, ahwa Colombo, ghandha tibqa' Malta. Dan bid-dritt illi kull genitur jista' jsiefer mal-minuri u dan wara li jkun hemm qbil bil-miktub bejn l-istess genituri, anke jekk ikun il-kaz bl-approvazzjoni tal-Qorti. Illi dan l-access u kura u kustodja ta' l-istess minuri kollha ghandha tigi monitarjata mill-Agenzija Appogg fl-interess ta' l-istess minuri, u dan a spejjez taz-zewgt partijiet. Ghal dan l-iskop tordna lir-Registratur tal-Qrati Superjuri sabiex a spejjez taz-zewgt partijiet jinnotifika kopja legali ta' din is-sentenza lill-Agenzija Appogg, sabiex l-istess taderixxi ruhha ma' l-istess fl-interess suprem ta' l-istess minuri.

(e) Tilqa' limitatament il-hames talba u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici is-somma ta' hamsa u erbghin lira Maltin (Lm45) ghal kull minuri (u cjoe` ghal Christopher u ghal Rodney) kull erba' gimghat, liema manteniment ghandu jithallas kull l-ewwel jum ta' kull erba' gimghat b'mod immedjat mid-data ta' din is-sentenza 'l qudddiem. Dan il-manteniment ghandu jigi rivedut kull sentejn u ghandu jirrifletti fih kull zieda li jkun hemm fl-gholi tal-hajja u dan skond l-indici li hemm fil-**Kapitolu 158 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi dwar manteniment ghall-attrici din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-istess *stante* li mill-istess atti odjerni l-istess attrici ma jidhirx li insistiet fuq din it-talba.

(f) Tilqa' s-sitt talba attrici b'dan illi l-Qorti qeghda tawtorizza lill-attrici tkompli tghix fid-dar matrimonjali, ad eskluzjoni tal-konvenut u qeghda tordna u tiddikjara illi l-konvenut ma ghadx ghandu dritt ta' abitazzjoni fir-rigward ta' din l-istess dar matrimonjali.

Bl-ispejjez kollha tac-citazzjoni attrici kontra l-konvenut.

Illi ghar-rigward tal-kontro-talba pprezentata mill-konvenut din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi**, billi tichad it-talbiet tal-konvenut enumerati (b) (c) (d) (e) (h) (i) (j) (k) (m) (n) (o) (p) (q) b'dan li tilqa' t-talbiet attrici enumerati (a) (f) (g) (l) u (r) biss *in parte*, u dan biss fis-sens hawn premess u qeghda konsegwentement tichad l-eccezzjonijiet ta' l-attrici in kwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn deciz b'dan illi:

(a) L-ewwel talba tal-konvenut, ghar-ragunijiet gja premessi, qeghda tintlaqa' u l-Qorti qeghda tiddikjara li a bazi ta' din is-sentenza ntemm l-obbligu tal-partijiet li jghixu flimkien u qeghda ukoll taghmel referenza ghall-argumenti u motivazzjonijiet taghha msemmija aktar 'il fuq, b'dan li qd jigi kkonfermat li kien l-istess konvenut li ta lok ghall din il-firda ta' bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet imputabbli lilu esklussivament kif indikat a bazi tat-talbiet fic-citazzjoni attrici.

(b) It-tieni talba tal-konvenut qeghda tigi michuda u dan *stante* li huwa biss ghandu x'jahti ghas-separazzjoni;

(c) It-tielet talba tal-konvenut hija michuda a bazi ta' dak li intqal fit-tieni kontro-talba tieghu hawn deciza;

(d) Illi ghar-rigward tar-raba` talba tal-konvenut, din ukoll giet deciza u a skans ta' repetizzjonijiet inutili, din il-Qorti, filwaqt li tichad din it-talba taghmel referenza ghal dak li gie deciz minnha aktar 'il fuq.

(e) Il-hames talba tal-konvenut qeghda ukoll tigi michuda u din il-Qorti terga ukoll taghmel referenza ghal dak li gie deciz minnha fuq din il-kwistjoni tal-manteniment aktar 'il fuq.

(f) Is-sitt talba tal-konvenut tirrigwarda l-kura u l-kustodja tal-minuri, ahwa Colombo. Dwar din it-talba l-Qorti diga` esprimiet ruhha aktar ‘il fuq u filwaqt li qeghda tilqaghha limitatament ghar-rigward tal-kura u l-kustodja tal-minuri, Abigail Colombo. L-attrici ghandha jkollha access ghall-imsemmija minuri kull nhar ta’ Sibt bejn id-disgha ta’ filghodu (9.00a.m.) u s-sitta ta’ wara nofsinhar (6.00p.m.). Il-konvenut ghandu jwassal lill-imsemmija minuri fir-residenza ta’ l-attrici jew f’kull post iehor miftiehem bejn il-partijiet u ghandu jigbor lill-istess minuri mir-residenza ta’ l-attrici jew f’kull post iehor miftiehem bejn l-istess partijiet.

Sabiex jigi evitat kwalsiasi ekwivoku bejn il-partijiet, il-Qorti qeghda tordna illi fil-Milied tas-sena elfejn u erbgha (2004), il-minuri, Abigail ghandha tkun ma’ l-attrici, mid-disgha ta’ filghodu (9.00a.m.) sa nofsinhar (12.00p.m.) u l-minuri Christopher u Rodney ghandhom ikunu mal-konvenut minn nofsinhar (12.00p.m.) sas-sebgha ta’ filghaxija (7.00p.m.) u nhar l-Ewwel tas-Sena elfejn u hamsa (2005), il-minuri Christopher u Rodney ghandhom ikunu mal-konvenut mid-disgha ta’ filghodu (9.00a.m.) sa nofsinhar (12.00p.m.) u l-minuri, Abigail, ghandha tkun ma’ l-attrici minn nofsinhar (12.00p.m.) sas-sebgha ta’ fil-ghaxija (7.00p.m.). Fil-Milied tas-sena elfejn u hamsa (2005), il-minuri Christopher u Rodney ghandhom ikunu mal-konvenut mid-disgha ta’ filghodu (9.00a.m.) sa nofsinhar (12.00p.m.) u l-minuri, Abigail, ghandha tkun ma’ l-attrici minn nofsinhar (12.00p.m.) sas-sebgha ta’ filghaxija (7.00p.m.) u nhar l-Ewwel tas-sena elfejn u sitta (2006) il-minuri Abigail ghandha tkun ma’ l-attrici mid-disgha ta’ filghodu (9.00a.m.) sa nofsinhar (12.00p.m.) u l-minuri Christopher u Rodney ghandhom ikunu mal-konvenut minn nofsinhar (12.00p.m.) sas-sebgha ta’ filghaxija (7.00p.m.). Dan l-arrangament ghandu jibqa’ jalterna ruhhu b’dan il-mod kif inghad kull sena. Din l-ordni ghanda tghodd anke jekk il-gurnata tal-Milied u/jew l-Ewwel tas-Sena jahbtu f’ xi gurnata minn dawk iffissati mill-Qorti bhala l-access normali ghall-imsemmija minuri. Id-decizjonijiet importanti dwar it-trobbija, edukazzjoni u *ben essere* tat-tfal ghandhom jittiehdu miz-zewg genituri f’daqqa. Jekk il-genituri ma jkunux jistghu jaslu b’mod civili ghal ftehim huma ghandhom kull dritt li jirrikorru u

jutilizzaw dak li tipprovdi l-ligi f'dawk ic-cirkostanzi. Ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u fl-interess suprem tal-minuri – u dan sakemm ma jkunx hemm ordni ta' Qorti ohra li tvarja din id-decizjoni jew sakemm ma jkunx hemm qbil bil-miktub bejn il-partijiet f'dan ir-rigward, id-domicilju u r-residenza tal-minuri Abigail, Christopher u Rodney, ahwa Colombo, ghandha tibqa Malta. Dan bid-dritt illi kull genitur jista jsiefer mal-minuri u dan wara li jkun hemm qbil bil-miktub bejn l-istess genituri, anke jekk ikun il-kaz bl-approvazzjoni tal-Qorti. Illi dan l-access u kura u kustodja ta' l-istess minuri kollha ghandha tigi monitarjata mill-Agenzija Appogg fl-interess ta' l-istess minuri, u dan a spejjez taz-zewg partijiet. Ghal dan l-iskop tordna lir-Registratur tal-Qrati Superjuri sabiex a spejjez taz-zewg partijiet jinnotifika kopja legali ta' din is-sentenza lill-Agenzija Appogg, sabiex l-istess taderixxi ruhha ma' l-istess fl-interess suprem ta' l-istess minuri.

(g) Illi dwar is-seba' talba tal-konvenut, din il-Qorti sejra tilqaha *in parte* u qeghda tilqaghha biss fil-konfront tal-konvenut b'dan li huwa qed jigi ddikjarat li tilef id-drittjiet tieghu taht id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 48** u wkoll taht l-**artikoli 631, 633, 633A, 825, 826 u 827 tal-Kodici Civili** u ghall-kumplament tichadha..

(h) Illi fir-rigward tat-tmien talba tal-konvenut, din qeghda tigi michuda u dan peress illi irrizulta illi l-attrici ma hijiex il-persuna li minhabba fiha sehhet din is-separazzjoni izda huwa l-konvenut li ghandu jahti ghal din is-separazzjoni.

(i) Illi l-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tad-disa` talba tal-konvenut u dan peress illi l-istess attrici fin-nota guramentata taghha, li ghaliha l-Qorti ghamlet referenza aktar 'il fuq, irrinunzjat ghall-manteniment minghand l-istess konvenut.

(j) Illi dwar l-ghaxar talba tal-konvenut, salv ghal dak li nghad mill-Qorti fir-rigward tas-seba` talba tal-konvenut fil-kontro-talbiet tieghu, din ukoll qeghda tigi michuda.

(k) Il-hdax-il talba tal-konvenut hija ukoll michuda *stante* li l-htija tal-firda, kif diga` nghad, qeghda tigi akkolata fl-intier taghha fuq il-konvenut.

(l) Illi dwar it-tnax-il talba tal-konvenut, din il-Qorti diga` ddecidiet talba simili ta' l-attrici u diga` tat l-ordnijiet taghha a tenur ta' l-**artikolu 55 tal-Kodici Civili** u filwaqt li qeghda tilqaghha limitatament ghal dak li diga` qalet din il-Qorti dwar kif ghandha tigi xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti konjugi Colombo, qeghda tichadha ghall-kumplament.

(m) It-tlettax il-talba tal-konvenut qeghda tigi michuda u dan peress illi l-attrici nghatat d-dritt ta' uzu u abitazzjoni f'din id-dar ghall-perjodu ta' hmistax-il (15) sena minn meta din is-sentenza tghaddi in gudikat. Wara dan il-perjodu din id-dar ghandha tinbiegh u r-rikavat jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet wara li jitnaqqsu l-ammont ta' hamest' elef lira Maltin (Lm5,000) li l-attrici kienet harget qabel iz-zwieg ghax-xiri ta' din id-dar u l-elfejn lira Maltin (Lm2,000) li l-konvenut hareg qabel iz-zwieg ghax-xiri ta' din id-dar. *Oltre* dan li inghad, il-Qorti qeghda taghmel ukoll referenza ghall-konsiderazzjonijiet maghmulin minnha aktar 'il fuq f'din is-sentenza f'dan ir-rigward sabiex din is-sentenza ma titwalx izjed inutilment.

(n) Illi fl-erbatax-il talba tieghu l-konvenut jitlob li jigi applikat fl-intier tieghu l-effetti ta' l-**artikoli 56 u 57 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta**. Illi dwar din it-talba l-Qorti diga` pprovdiet fejn jidhlu t-tfal minuri tal-konjugi Colombo. F'dan l-istadju, il-Qorti izzid biss illi l-konvenut ghandu jara li jiehu hsieb ghall-bzonnijiet kollha tal-minuri, Abigail Colombo, li ser tkun qeghda tghix mieghu, u ghandu jipprovdi ukoll ghall-manteniment taz-zewg uliedu l-ohra u cjoe` Christopher u Rodney, ahwa Colombo. F'dan ir-rigward, il-Qorti qeghda tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attrici l-ammont ta' hamsa u erbghin lira Maltin (Lm45) ghal kull minuri kull erba' gimghat (u cjoe` ghal minuri Christopher u Rodney), liema manteniment ghandu jithallas kull l-ewwel jum ta' kull erba' gimghat b'mod immedjat mid-data ta' din is-sentenza 'l qudddiem. Dan il-manteniment ghandu jigi rivedut kull sentejn u

ghandu jirrifletti fih kull zieda li jkun hemm fl-gholi tal-hajja u dan skond l-indici li hemm fil-**Kapitolu 158 tal-Ligijiet ta' Malta.** Hekk ukoll il-Qorti gja ddecidiet dwar l-access li ghandhom ikollhom kull parti ghal uliedhom u l-Qorti qeghda taghmel referenza ghalihom a skans ta' ripetizzjoni inutili. Illi ghar-rigward tal-minuri, Abigail, il-konvenut missier ghandu jiehu hsieb il-bzonnijiet taghha kollha. Ghal dan il-ghan din it-talba qeghda tintlaqa' limitatament f'dan is-sens biss.

(o) Illi l-hmistax il-talba tal-konvenut diga` giet deciza aktar 'il fuq fis-seba' talba tieghu u ghaldaqstant il-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba.

(p) Is-sittax-il talba tal-konvenut qeghda tigi michuda.

(q) Tichad is-sbatax-il talba tal-konvenut u dan peress illi irrizulta bl-aktar mod car illi huwa l-konvenut li jahti ghal din il-firda u ghaldaqstant ghandu jgorr il-piz ta' l-ispejjez ta' din il-kawza kollha fl-intier taghhom.

(r) Tilqa' limitatament it-tmintax-il talba tieghu u tordna illi l-minuri ilkoll ghandhom jibdew jattendu *Family Therapy sessions* flimkien mal-kontendenti, anke jekk l-istess kontendenti ma jattendux ghal dawn is-*sessions* f'daqqa, b'dan illi jekk jirrizulta illi l-istess kontendenti ma humiex jikkoperaw ma' l-awtoritajiet koncernati, din il-Qorti tirrizerva li tirrevedi l-pozizzjoni taghha dwar l-access li kull parti ghandha jkollha ghall-imsemmija minuri. *In oltre* l-Qorti qeghda tordna li l-progress tal-minuri ghandu jibqa jigi segwit u moniterjat mill-Agenzija Appogg, *tramite* s-*Social Worker* Therese Micallef, li ghandha taghmel rapporti dwar il-kondizzjoni ta' l-istess minuri kull tlett (3) xhur mid-data ta' din is-sentenza, u dan a spejjez taz-zewg partijiet.

Bl-ispejjez tal-kontro-talba jithallsu mill-konvenut.

Illi *inoltre* minhabba li l-partijiet abbuzaw mill-proceduri quddiem din il-Qorti u dan huwa rifless min-numru sostanzjali ta' rikors u atti pprezentati *pendente lite* minn kull parti, u wkoll mill-mod li gew esebiti diversi dokumenti

bla bzonn tant li l-atti f'dan il-process ilahqu mas-seba` mitt (700) faccata u wkoll minhabba l-pika esegerata bejn il-partijiet, specjalment fil-konfront tat-tfal, li certament ikkawzat dannu lill-istess ulied, u liema atti kontinwi waqt il-kawza miz-zewg partijiet certament tawwlu l-proceduri bla bzonn anke minhabba l-insistenza kbira taghhom, din il-Qorti b'applikazzjoni tal-**paragrafu 10 ta' l-Iskeda "A" tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** tordna lill-attrici thallas is-somma ta' mitejn u hamsin lira Maltija  (Lm250) bhala spejjez adizzjonali fir-Registru tal-Qorti, u minn naha l-ohra lill-konvenut, li huwa principarjament responsabbli ghal dan l-agir abbusiv, jhallas is-somma ta' seba' mitt lira Maltija (Lm700) ukoll bhala spejjez addizzjonali fir-Registru tal-Qorti, liema hlasijet ghandhom isiru fi zmien tletin (30) gurnata mid-data ta' din is-sentenza.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------